MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2014

Citazzjoni Numru. 387/2005

**Anthony Bianchi KI 714349M u martu**

**Joan sive Jane Bianchi KI 422354M**

**vs**

**Angela Borg, Lawrence Borg u**

**in-Nutar DottorJoseph Lia**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni tal-atturi tal-25 t'April 2005 li jaqra hekk:

*"Premess illi s-Sinjorina Maria Fiteni K.I. 320120M, illum deceduta, fit-23 ta' Frar 2003 allegatament iffirmat prokura specjali quddiem il-konvenut in- Nutar Dottor Joseph Lia, liema prokura kienet tawtorizza lill-konvenuta Angela Borg biex issarraf l-imghaxijiet rigwardanti l-kontijiet bankarji ta' Maria Fiteni, illi ssarraf ic-cekkijiet kollha tal-pensjoni f'isem Maria Fiteni, kif ukoll sabiex jissarrfu kwalunkwe ammonti li jinsabu*

*depozitati f' savings bank accounts f'isem Maria Fiteni, u dettaljatament il-poteri kollha inkluzi fil-paragrafu numerat erbatax (14.) fl-istess allegata prokura, hawn annessa in copia bhala 'Dok.A';*

*Premess illi il-firma u/jew firem allegatament ta' Maria Fiteni fuq l-imsemmi 'Dok.A' mhumiex minn idejn din il-persuna, u dan kif ser jirrizulta waqt il-kawza anki bl-opra ta' periti nominandi ghal tali ghan;*

*Premess illi allura din l-allegata prokura tikkostitwixxi att falsifikat u ghalhekk dana l-att ghandu jigi kkonsidrat null ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi;*

*Premess illi l-konvenut in-Nutar Dottor Joseph Lia awtentika u ddikjara bil- firem u bit-timbri tieghu hemmhekk apposti l-autenticita' tal-firma ta' l-istess Maria Fiteni fuq tali prokura. meta kien jaf li dina ma kienitx il-firma taghha, jew, in miglior ipotesi, b'negligenza grossolana fl-ezercizzju tal-professjoni tieghu naqas milli jassigura ruhu illi kienet Maria Fiteni illi iffirmat fuq l-ewwel u/jew it-tieni pagna ta' tali dokument, u ghalhekk kien kompartecipi fir-redazzjoni ta' dokument ffalsifikat;*

*Premess illi Angela Borg u huha Lawrence Borg jew min minnhom kienu kompartecipi fir-redazzjoni ta' din il-prokura iffalsifikata jew talbu illi dina tigi redatta bil-mod kif fil-fatt giet redatta;*

*Premess illi Angela Borg ghamlet ukoll uzu minn tali prokura ffalsifikata, u dana kif ser jirrizulta ahjar waqt il-kawza a beneficcju taghha u a skapitu dak iz-zmien ta' Maria Fiteni;*

*Premess illi tali uzu tal-prokura 'Dok.A' illeda l-jeddijiet tal-atturi u dana billi l-prokura ntuzat biex jigu zbankati u/jew imsarrfa flejjes ta' Maria Fiteni mhux biss minghajr il-kunsens espress taghha imma li ddiminwew il-patrimonju ta' l-istess Maria Fiteni b'tali mod illi l-eredi universali taghha cioe' l-atturi batew danni minhabba tali fatt;*

*Premess ukoll illi fls-7 ta' April 2003 mietet l-istess Maria Fiteni, zija materna ta' l-attrici Joan sive Jane Bianchi, bint Giovanni u Evangelista xebba Bonnici (kopja tac-certifikat tal-mewt, 'Dok.B');*

*Premess illi jirrizulta mir-ricerki mizmuma kemm fi s-Sekond' Awla tal-Qorti Civili ('Dok.C') kif ukoll fir-Registru Pubbliku ('Dok. D') illi l-ahhar testament ta' Maria Fiteni jidher li huwa dak datat is-7 ta' Frar 2002 fl-atti tal-konvenut in-Nutar Dottor Joseph Lia (kopja ta' liema hija hawnhekk annessa bhala 'Dok.E');*

*Premess illi il-firma u/jew firem ta' Maria Fiteni fuq l-imsemmi 'Dok.E' mhumiex minn idejn din il-persuna, u dan kif ser jirrizulta waqt il-kawza anki bl-opra ta' periti nominandi ghal tali ghan;*

*Premess illi allura dan l-allegat testment jikkostitwixxi att iffalsifikat u ghalhekk dana l-att ghandu jigi kkonsidrat null ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi;*

*Premess li l-konvenut in-Nutar Dottor Joseph Lia awtentika u ddikjara bil-firem u bit-timbri tieghu hemmhekk apposti l-amenticita' tal-firma ta' l-istess Maria Fiteni fuq tali testment, meta kien jaf li dina ma kienitx taghha, jew, in miglior ipotesi, b'negligenza grossolana fl-ezercizzju tal-professjoni tieghu naqas milli jassigura ruhu illi kienet Maria Fiteni illi iffirmat fuq l-ewwel u/jew it-tieni pagna ta' tali dokument, u ghalhekk kien kompartecipi fir-redazzjoni ta' dokument iffalsifikat;*

*Premess illi Angela Borg u huha Lawrence Borg jew min minnhom kienu kompartecipi fir-redazzjoni ta' dan it-testment iffalsifikat u/jew talbu illi dana jigi redatt bil-mod kif fil-fatt gie redatt;*

*Premess illi allura il-konvenuti Angela Borg u Lawrence Borg, ai termini tal- artikolu 605 tal-Kap XVI, talli iffalsifikaw l-imsemmi testament, m'ghandhomx ikunu meqjusa bhala denji, u bhala tali mhux kapaci biex jircievu b'testment minghand Maria Fiteni, u ghandhom jigu inkapacitati ghalhekk milli jircievu dak li hu dispost favurihom fit-testment datat is-7 ta' Frar 2002 kif ukoll f'kull testment u disposizzjoni precedenti ta' Maria Fiteni;*

*Premess illi l-konvenuti Angela Borg u Lawrence Borg ghandhom allura jirritornaw l-assi kollha fil-pussess taghhom u li otdenew jew hadu minghand Maria Fiteni sia*

*immobbli sia mobbli, lill-massa ereditarja u cioe' lill-unici eredi l-atturi, sa fejn dan ghadu possibbli;*

*Premess illi l-atturi setghu jittendu u fil-fatt indunaw biss b'dan il-qerq imwettaq, in rigward ghall-prokura mhux qabel Mejju ta' l-2003 u in rigward ghat-testment mhux qabel Lulju 2003;*

*Premess illi l-konvenuti gew ezortati kemm-il darba sabiex sa fejn kien possibbli minghajr l-intervent ta' dina l-Onorabbli Qorti jaddivjenu ghal dak illi huwa necessarju sabiex il-posizzjoni tigi irregolarizzata izda baqghu inadempjenti;*

*Jghidu ghalhekk il-konvenuti jew min minnhom, prevja li jsiru d-dikjarazzjonijiet u illi jinghataw dawk il-provvedimenti opportuni, inkluz occorrendo l-appuntar ta' periti nominandi ai fini tat-talbiet segwenti, ghaliex m' ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti :*

1. *tiddikjara illi l-prokura specjali datata t-23 ta' Frar 2003 u allegatament maghmula minn Maria Fiteni hija dokument iffalsifikat u konsegwentement tiddikjaraha nulla ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi;*

2. *tiddikjara li l-konvenuti in-Nutar Dottor Joseph Lia, Angela Borg u Lawrence Borg flimkien bejniethom jew min minnhom responsabbli ghar-redazzjoni ta' tali dokument iffalsifikat;*

3. *tiddikjara illi t-testment datat is-7 ta' Frar 2002 u allegatament maghmul minn Maria Fiteni huwa dokument iffalsifikat u konsegwentement tiddikjara tali testment null ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi;*

4. *tiddikjara li l-konvenuti in-Nutar Dottor Joseph Lia, Angela Borg u Lawrence Borg flimkien bejniethom jew min minnhom responsabbli ghar-redazzjoni ta' tali dokument iffalsifikat;*

5. *tiddikjara lill-konvenuti Angela Borg u Lawrence Borg, ai termini tal-artikolu 605 tal-Kap XVI, talli iffalsifikaw l-imsemmi testment, bhala mhux denji, u bhala tali mhux kapaci biex jircievu b'testment minghand Maria Fiteni, u tinkapacita ghalhekk lill-konvenuti Angela Borg u Lawrence Borg milli jircievu dak li hu*

*dispost favurihom fit-testment datat is-7 ta' Frar 2002 kif ukoll f'kull testment u disposizzjoni precedenti ta' Maria Fiteni;*

6. *tordna konsegwentement illi l-konvenuti Angela Borg u Lawrence Borg jirritornaw l-assi kollha fil-pussess taghhom u li ottjenew jew hadu minghand Maria Fiteni sia immobbli sia mobbli, lill-massa ereditarja ,u cioe' lill-unici eredi l-atturi, u tipprefiggi terminu perentorju ghar-ritorn ta' l-istess, sa fejn dan ghadu possibbli;*

7. *tiddikjara li l-atturi sofrew danni minhabba r-redazzjoni tal-prokura specjali iffalsifikata u it-testment iffalsifikat, u tillikwida tali danni, tenut kont inter alia fil-kaz tal-prokura tal-flejjes zbankati u/jew imsarrfa permezz ta' tali prokura, u fil-kaz tat-testment ta' dawk il-mobbli u immobbli li kienu appartenenti lil Maria Fiteni u li issa ma jistghux jigu ritornati lill-atturi ai termini tas-sitt talba;*

8. *tikkundanna lill-konvenuti jew lil min minnhom sabiex ihallsu l-ammont hekk likwidat, flimkien jew min minnhom, lill-atturi, flimkien ma' l-imghax legali;*

*Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittri legali kontra l-konvenuti u ta' l-ittra ufficjali datata d-9 ta' Settembru 2003, u bl-imghaxijiet legali sa meta jsir kull pagament dovut kontra l-konvenuti illi jigu minn issa ingunti in subizzjoni."*

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-atturi guramentata tal-25 t'April 2005;

Rat il-lista tax-xhieda ndikata mill-atturi u d-dokumenti ezebiti tac-citazzjoni;

Rat illi l-atti tac-citazzjoni, digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lill-intimati skond il-ligi;

Rat in-nota t'eccezzjonijiet tal-konvenuti Angela Borg, Lawrence Borg u Dottor Joseph Lia tas-6 ta'Gunju 2006 li taqra hekk:

*"Illi t-talbiet tal-atturi ghandhom jigu respinti stante li huma ghal kollox infondati kemm fattwalment kif ukoll legalment;*

*Illi in oltre ma jikorrux l-elementi rikjesti mill-ligi fl-artikolu 605 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Illi f'kull kaz u minghajr pregudizzju ghal-premess, l-azzjoni proposta mill-atturi hija insostenibbli billi bl-agir taghhom stess irratifikaw kwalunkwe nullita' allegata minnhom stess u dan kif jigi pruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kaz.*

*Salvi eccezzjonijiet ulterjuri."*

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti guramentata tal-konvenuti tas-6 ta'Gunju 2005 ;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat d-digriet tas-7 ta'Marzu 2006 li bih il-Qorti kif diversament preseduta innominat lil Dr. Ramona Frendo bhala Perit Legali (a fol. 57 et seq.);

Rat d-digriet tas-16 ta'Novembru 2006 li bih il-Qorti kif diversament preseduta innominat lil Martin Bajada bhala Perit Kaligrafu (a fol. 115 et seq.);

Rat ir-rapport tal-Perit Legali Dr. Ramona Frendo u l-Perit Tekniku Martin Bajada minnhom ezebit fit-23 ta' Settembru 2010 u mahluf fid-9 ta'Novembru 2010;

Rat d-digriet tas-27 ta'Marzu 2012 li bih il-Qorti kif diversament preseduta innominat lil Periti Perizjuri Joseph Gaffiero, Joseph Mallia u Juliana Scerri Ferrante (a fol. 479);
Rat r-relazzjoni tal-Periti Perizjuri Joseph Gaffiero, Joseph Mallia u Juliana Scerri Ferrante minnhom ezebit fit-22 ta' Marzu 2013 u mahluf fis-6 ta'Dicembru 2013, fit-13 ta'Novembru 2013 u l-25 ta' Novembru 2013 rispettivament (a fol. 1295);

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-atturi (a fol. 1315 et seq);

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti (a fol.1341 et seq);

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

Mix-xhieda ta' l-attur **Anthony Bianchi** a fol. 32 et seq, jirrizulta illi sas-sena 1994, Maria Fiteni, z-zija tal-mara tal-istess Bianchi, kienet f'sahhitha kapaci illi tamministra hwejjigha. Wara 1994, Bianchi beda jamministra il-proprjeta' ta' Fiteni, jimla l-formoli tat-taxxa taghha, liema formoli kienu jigu ffirmati minn Maria Fiteni stess.

Jirrizulta illi l-konvenuta Angela Borg kienet il-gara ta' Fiteni, u kienet izzurha ta'spiss. Il-konvenuti Angela Borg u Lawrence Borg ma kellhom ebda parentela ma Maria Fiteni.

Hmistax-il gurnata wara l-mewt ta' Maria Fiteni, fil-21 ta' April 2003, Angela Borg hadet lill-atturi quddiem il-konvenut Nutar Dottor Joseph Lia ghall-qari ta' l-ahhar testment ta' Fiteni, cioe' dak datat 7 ta' Frar 2002. In-Nutar Dottor Joseph Lia ghadda lill-atturi kopja informi ta' l-imsemmi testment, u sar ftehim li l-istess Nutar kellu jezegwixxi t-testment ta' Maria Fiteni.

L-attur Anthony Bianchi xehed illi fil-25 ta' April 2003, talab lin-Nutar Dottor Joseph Lia ghal kopja tat-testment precedenti ta' Maria Fiteni, cioe' tal-24 ta' Frar 2000.

In-Nutar Dottor Joseph Lia ikkonsenja lil Bianchi ittra lil HSBC Bank (Malta) p.l.c., sabiex jakkwista rendikont tal-kontijiet bankarji kollha ta' Maria Fiteni, u kopja tal-Prokura Specjali.

Anthony Bianchi xehed li meta rcieva l-kopja originali tal-Prokura Specjali minghand HSBC Bank (Malta) p.l.c., hu intebah illi l-firma ta' Maria Fiteni illi kien hemm fuq tali prokura, ma kienitx taqbel mal-firma taghha fuq il-formoli tat-taxxa ta' l-*Income*.

Bianchi xehed illi huwa kellu fil-pussess tieghu tnax-il kopja originali tal-formola tat-taxxa sottomessi minn Maria Fiteni fuq medda ta' tlieta u ghoxrin sena, cioe' mis-sena 1979 sas-sena 2001.

Bianchi sostna li, il-firem fuq dawn il-formoli tat-taxxa kienu identici izda dawn ma kienux jaqblu, mal-firma illi hemm fuq il-Prokura Specjali tat-23 ta' Frar 2003.

Il-karattru "F" illi jidher fil-firma illi hemm fuq il-Prokura Specjali tat-23 ta' Frar 2003, ma kienitx taqbel ma' dak illi jidher fil-firem ta' Maria Fiteni fuq il-formoli tat-taxxa msemmija.

Inoltre, Bianchi qabbel il-firma ta' Maria Fiteni fuq l-imsemmija Prokura Specjali, mal-firem ta' Maria Fiteni fuq ir-ricevuti ta' Mid-Med Bank Limited. Bianchi sostna, illi l-firem ta'Fiteni illi jidhru fuq ir-ricevuti tal-Bank huma identici ghal dawk illi jidhru fuq il-formoli tat-taxxa.

Bianchi afferma illi l-firma ta' Maria Fiteni kienet dejjem konsistenti ghajr ghall-firma illi tidher fuq il-Prokura Specjali tat-23 ta' Frar 2003.

Bianchi accenna ghal-fatt illi l-karattru "F" illi hemm fil-firma illi tidher fuq il-formoli tat-taxxa ta' Maria Fiteni, ihares lejn ix-xellug, filwaqt illi dak indikat fil-firma illi hemm fil-Prokura Specjali, ihares lejn il-lemin apparti diskrepanzi ohra.

Bianchi xehed li fil-21 ta' Dicembru 1999, Maria Fiteni kienet waqghet, u kienet sabitha l-konvenuta Angela Borg, u minn dakinhar, Angela Borg bdiet torqod maghha.

**Disat ijiem wara**, cioe' fit-30 ta' Dicembru 1999, Maria Fiteni **ghamlet testment** fl-atti tan-Nutar William Azzopardi. **Wara dan it-testment, saru zewg testmenti ohrajn**.

L-attur insista illi l-firem illi jidhru fuq it-testment illi sar fl-atti tan-Nutar William Azzopardi kienu konsonanti mal-firma vera ta' Maria Fiteni.

L-attur xehed li l-konvenut Nutar Lia kien ukoll xhud tal-firma ta' Maria Fiteni fuq it-testment ta' l-24 ta' Frar 2000, u fuq il-kuntratt tal-bejgh tal-garaxx bin-numru ufficjali 72, Triq il-Kittien, Zabbar, u l-firem misjuba fuq dawn iz-zewg dokumenti jidhru genwini.

**L-attur sostna pero illi l-firem ta' Maria Fiteni misjuba fit-testment tas-7 ta' Frar 2002 fl-atti tal-konvenut Nutar Dottor Joseph Lia, ma kienux genwini.**

L-attur sostna li Maria Fiteni kienet tikteb b'idha tal-lemin u li fil-31 ta' Jannar 2002, Maria Fiteni kienet zlugat idha l-leminija, vide Certifikat Mediku datat 26 ta' Settembru 2003, redatt minn Dottor Christopher Zarb Dok AB23, u certifikat mediku datat 4 ta' Dicembru

2003, redatt mill-ispecjalista ortopediku s-Sur Carmel Sciberras (Dok. AB24) li jindika illi fit-8 ta’ Frar 2002, Maria Fiteni kellha ksur fir-*right humerus* ta’ l-*upper arm*. Hija kienet mugugha hafna minhabba din il-kundizzjoni.

Wara illi zlugat idha, nhar is-7 ta’ Frar 2002 fit-8.15 p.m., Maria Fiteni ghamlet testament li l-attur jiritieni ghandu il-firem foloz.

L-unika differenza illi hemm bejn il-kontenut tat-testment tas-7 ta’ Frar 2002 u dak ta’ l-24 ta’ Frar 2000, hija illi filwaqt illi permezz tat-testment tas-sena 2000, Maria Fiteni kienet halliet b’titolu ta’ legat favur il-konvenuta Angela Borg, id-dritt ta’ l-uzu, abitazzjoni, u uzufrutt fuq id-dar 4, Manhattan, Triq Bormla, Zabbar, kif ukoll legat fuq il-flus kontanti illi fid-data tal-mewt taghha jkunu jinsabu fl-imsemmija dar, fit-testment tas-sena 2002, il-legat fuq id-dar tat-testatrici, thalla wkoll favur il-konvenut Lawrence Borg.

L-attur sostna li jirrizulta mill-*file* ta’ l-iSptar San Luqa ta’ Fiteni illi l-ghada illi sar it-testment tas-7 ta’ Frar 2002, il-konvenuti Angela u Lawrence ahwa Borg hadu lil Fiteni sabiex taghmel ezami mediku minhabba l-ugiegh illi din kellha f’idha. **Dan l-ezami mediku sar biss madwar tnax sa hmistax-il siegha wara illi kien sar l-imsemmi testment.**

L-attur xehed illi Maria Fiteni kienet informatu biss dwar it-testment illi hija kienet ghamlet fl-24 ta’ Frar 2000, u illi permezz tieghu hija kienet halliet legat favur il-konvenuta Angela Borg.

Meta kellem lil Maria Fiteni dwar dawn it-testmenti illi huwa kien sar jaf bihom tramite r-ricerki fir-Registru Pubbliku, **Fiteni kienet infaqghet tibki** u qaltlu illi l-flus ma kienitx ser iccedihom. Kienet tghidlu illi l-fatt illi kienet halliet id-dar favur il-konvenuta Angela Borg, ghaliha kien bizzejjed. Din il-konversazzjoni li saret wara it-testment tas-sena 2002, intemmet hesrem meta dahhlet Angela Borg.

Maria Fiteni qatt ma qalet lill-attur dwar il-kontenut tat-testmenti taghha, u qatt ma informat lill-attur bit-testment tas-7 ta’ Frar 2002.

Permezz tat-testment tat-30 ta’ Dicembru 1999, fl-atti tan-Nutar Willian Azzopardi, Maria Fiteni kienet halliet b’titolu ta’ legat favur il-konvenuta Angela Borg, il-garaxx 72, Triq il-Kittien, Zabbar.

Illi fl-1 ta’ Frar 2000, il-konvenut Lawrence Borg xtara l-imsemmi garaxx. Fil- 24 ta’ Frar 2000, Maria Fiteni ghamlet testment iehor fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Lia, fejn halliet b’titolu ta’ legat id-dritt ta’ l-uzu, abitazzjoni u uzufrutt favur Angela Borg, fuq id-dar 4, Manhattan, Triq Bormla, Zabbar.

**L-attur xehed li darba minnhom, waqt li kien jimla l-formoli tat-taxxa ta’ l-*income* ghal-Maria Fiteni, huwa ma setax isib cekk, ta’ madwar sitt elef u erba’ mitt Lira Maltija (Lm 6,400). Meta l-attur staqsa dwar x’kien sar minn dan ic-cekk, Fiteni kienet qalet lill-attur sabiex dak ic-cekk jinsieh ghaliex kienu haduh il-konvenuti Angela u Lawrence ahwa Borg.**

Meta kienu jinqalghu dawn il-konverzazzjonijiet, Maria Fiteni kienet tinfexx tibki u kienet tghidlu illi ma kien hemm xejn illi hija setghet taghmel.

Dak iz-zmien il-konvenuta Angela Borg kellha access ghad-dar ta’ Maria Fiteni ghaliex ta’ spiss kienet tmur hemm.

Maria Fiteni qatt ma ammettiet mal-attur illi hija kienet ghamlet testment fis-sena 2002 u ma kienitx intiza f’affarijiet ta’ natura legali.

Fl-affidavit tieghu, **Anthony Bianchi** Dok. X a fol. 1233 et seq, ikkonferma d-dikjarazzjoni tieghu u xhieda li ta precedentement u zied jghid li Maria Fiteni mietet fis-7 ta’ April 2003.

Huwa xehed illi fid-9 ta’ Gunju 2003, fuq talba tieghu, il-konvenut in-Nutar Lia ghaddielu kopji tat-testment ta’ l-24 ta’ Frar 2000, tal-kuntratt ta’ akkwist tal-garaxx datat l-1 ta’ Frar 2000, u tat-testment tas-7 ta’ Frar 2002. Illi ghalhekk f’Lulju 2003, l-attur ghamel ezami intensiv ta’ dawn id-dokumenti u qabbel il-firem illi kien hemm fit-testment tas-7 ta’ Frar 2002:

i. mal-firem tat-testment ta’ l-24 ta’ Frar 2000;

ii. ma’ dawk tal-kuntratt ta’ akkwist ta’ l-1 ta’ Frar 2000;
iii. ma’ dawk tat-testment tat-30 ta’ Dicembru 1999, fl-atti tan-Nutar William Azzopardi;
iv. mal-firem tat-tnax-il formola tat-taxxa fuq l-*income*; u
v. mal-firem tar-ricevuti ta’ Mid-Med Bank Limited.

L-attur ikkonkluda illi kien hemm erba’ karatteristici inekwivoci u konsistenti fil-firma ta’ Maria Fiteni, sa mis-sena 1979 – vide xhieda a fol. 1235- 1236.

F’Lulju tas-sena 2003, l-attur rega’ ezamina l-Prokura Specjali tat-23 ta’ Frar 2003. Huwa ezaminaha ittra b’ittra u kkonkluda illi din il-firma ma kienitx tinkorpora fiha dawn l-karatteristici. Dawn il-karatteristici la jinsabu fil-firem illi hemm fit-testment tas-7 ta’ Frar 2002, u lanqas fil-firem illi hemm fil-Prokura Specjali tat-23 ta’ Frar 2003.

L-attur ipprezenta *specimen* tal-mod kif Maria Fiteni kienet tikteb l-ittri “M”, “i”, u “F”, kif ukoll tas-sinjal illi hija kienet dejjem thalli bejn l-ittri “r” u “y”, fil-firma taghha bhala “Mary Fiteni”.Ara Dok. AB 28 a fol. 1242.

L-attur ikkonkluda illi n-nuqqas ta’ dawn il-karatteristici fil-firem tat-testment tas-7 ta’ Frar 2002 u fil-Prokura tat-23 ta’ Frar 2003, indika illi dawn il-firem ma setghu qatt saru minn Maria Fiteni.

**Fit-testment tas-7 ta’ Frar 2002 hemm tliet firem – kollha kemm huma saru fl-istess hin.**

L-attur jinsisti illi l-firma illi tidher fuq id-dikjarazzjoni tat-tabib annessa mat-testment tas-7 ta’ Frar 2002, turi bic-car illi din kienet firma ta’ persuna illi ma kellha l-ebda diffikulta` sabiex tikteb.

***“Hija firma illi saret b’mod metikoluz, fejn min ghamilha qaghad attent sabiex jaghmel firma kwasi bhal dik ta’ Maria Fiteni. Pero ma tax kaz ta’ zewg karrateristici inekwivokabbli, ta’ Maria Fiteni li huma l-ispazju bejn l-ittra “r” u l-ittra “y”, u l-mod kif Maria Fiteni kienet tikteb l-ittra “i”.”*** –Vide fol. 1236 u l-aggrandament ta’ dawn l-ittri li jidhru f’ Dok. AB 32 a fol. 1246.

L-attur jirrileva illi fil-firma illi tidher fuq l-ewwel pagna tat-testment tas-7 ta' Frar 2002, mhux biss m'hemmx l-ispazju bejn l-ittra "r" u l-ittra "y", izda sahansitra, l-ittra "i" mhix mizjuda bhal ma kienet taghmilha Maria Fiteni. Skond l-attur, jidher bic-car illi l-ittra "M" l-ewwel saret dritta, imbaghad xi hadd ziedha.

L-attur ikompli jixhed illi fil-firma illi tidher fuq it-tieni pagna tat-testment tas-7 ta' Frar 2002, m'hemmx il-karatteristici inekwivoci tal-firma ta' Maria Fiteni. Di piu' dawn ma kienux firem ta' persuna illi kellha *dislocated shoulder*. Skond l-attur, in-nuqqasijiet illi hemm fil-firem kollha tat-testment tas-7 ta' Frar 2002, m'humiex dovuti ghad-*dislocated shoulder* illi kellha Fiteni, jew minhabba l-fatt illi hija kienet tbati minn *Parkinson's Disease*.

L-attur jirrileva illi skond il-Professur Arthur Felice, Maria Fiteni kienet taf x'kienet qed taghmel – b'hekk l-attur ikkonkluda illi din ma setghetx tinsa l-karatteristici tal-firma taghha.

Il-Professur Felice baqa' jezamina lil Maria Fiteni sa sittax-il gurnata qabel il-mewt taghha u f'riferiment mediku redatt minnu (Dok. AB33), kien nizzel illi *"... her general conditions regressed ... also due to Parkinsonism"*.

L-attur esebixxa zewg dokumenti mill-*internet* relattivi ghall-kondizzjoni ta' *Parkinsonism*. Fost ohrajn dawn isemmu l-erba' sintomi illi huma normalment notati f'persuni illi jsoffru minn *Parkinson's Disease*, cioe' *"rigidity or stiffness of the limbs", "tremor or trembling in hands", "slowness of movement"* u *"postural instability"*;

Il-Prokura Specjali tat-23 ta' Frar 2003 saret xahar u nofs qabel mietet Maria Fiteni. Skond l-attur, il-firem illi hemm fuq din il-Prokura ma kienux ta' persuna illi tbati minn *Parkinson's Disease*.

L-attur irrileva illi l-karatteristici tal-firma ta' Maria Fiteni jinsabu wkoll fil-firma illi tidher fuq il-formola tat-taxxa ta' l-*income* relattiva ghas-sena 2001 (Dok. AB 36 a fol. 1264). **Din il-firma hija minuskola** – skond l-attur, dan huwa sintomu illi jkollhom persuni illi jbatu minn *Parkinson's Disease* – fil-verita` kien hekk biss illi Maria Fiteni setghet tiffirma minhabba l-kondizzjoni taghha.

L-attur kien iffirma ghal-Maria Fiteni fuq il-formola ta’ dikjarazzjoni tat-taxxa relattiva ghas-sena 2001 (Dok. AB 39) ghaliex dak iz-zmien, Fiteni ma setghetx tikteb jew tuza jdejha minhabba l-kondizzjoni taghha. **Dan jikkonferma illi bejn is-sena 2002 u s-sena 2003, meta saru t-testment u l-Prokura, Maria Fiteni ma kienitx f’qaghda illi tiffirma**.

Ir-rapport mediku datat 20 ta’ Marzu 2003, rilaxxat minn *Casualty Officer* gewwa l-iSptar San Luqa (**Dok. AB40**), jikkonferma illi f’dik id-data Maria Fiteni kienet ghadha tbati bir-*right* u l-*left humerus,* minn *non-union of shoulder*; u minn *Parkinson’s Disease*.

Ic-certifikat mediku tas-Sur Carmel Sciberras (**Dok. AB24**) illi jirreferi ghall-vista illi saret ezattament jum wara illi sar it-testment tas-sena 2002, jikkonferma illi Maria Fiteni kienet mugugha u kellha *sling* – dan kollu, flimkien ma’ *Parkinson’s Disease*, indika li Maria Fiteni ma setghetx ghamlet il-firem illi hemm fuq it-testment tas-7 ta’ Frar 2002.

**Noel Calleja,** skrivan fl-Ufficcju Elettorali a fol. 284 et seq, xehed li parti minn xogholu, kien li jmur fid-djar ta’ persuni anzjani jew morda sabiex jgeddu l-Karta ta’ l-Identita` taghhom.

**Ikkonferma illi l-kitba kaligrafika illi tidher fid-dokument immarkat bhala Dok. NC1 a fol. 640, hija kitba tieghu**, u illi l-ittri **“*NC*”** illi jidhru fil-fotokopja tal-Karta ta’ l-Identita` ta’ Maria Fiteni, **jikkorrispondu ghall-inizjali ta’ ismu.**

Taht l-intestatura “*Firma*/*Signature*” fid-dokument tal-Karta ta’ l-Identita`, hemm marka u cioe` salib “X” illi kienet saret minn Maria Fiteni. Apparti din il-marka, taht l-istess intestatura, ix-xhud stess nizzel il-kliem “*her”* qabel il-marka, “*mark*” wara l-marka, “*Mary Fiteni”* taht l-istess salib, u l-inizjali tieghu “*NC”* taht l-istess kliem “*Mary Fiteni*”. Din hija l-procedura segwita mill-Ufficcju Elettorali f’kaz ta’ persuni illi ma jafux jiktbu, persuni li jkunu morda u ma jifilhux jiffirmaw, jew fil-kaz ta’ persuna anzjana illi titlob lill-iskrivan koncernat sabiex jiffirma hu ghan-nom taghha;

Ghalkemm ma jiftakarx ir-raguni ghaliex fil-kaz ta’ Maria Fiteni kienet intuzat din il-procedura, **Calleja ddikjara illi biex intuzat din il-procedura, certament illi Maria Fiteni ma setghetx tikteb.**

**Id-dikjarazzjoni datata 18 ta' Lulju 2003 illi tidher fuq id-dokument immarkat bhala Dok. NC1, hija kollha kitba ta'Calleja.**

Calleja spjega illi wara illi l-Karta ta' l-Identita` giet *laminated*, mhux bil-fors illi din tigi ritornata direttament **lil Maria Fiteni, ghaliex jista' jkun illi kien hemm xi hadd iehor illi ffirma ghal dan id-dokument.**

**Audrey Ghigo**, **rapprezentanta** ta' HSBC Bank (Malta) plc, a fol. 292 xhedet illi l-interessi akkrexxenti fuq il-kontijiet ta' Maria Fiteni, bin-numri 042-008078-101, 042-008078-102, u 042-008078-100 rispettivament, matul is-snin 2000, 2001 u 2002, gew zbankati permezz ta' cekkijiet, mahruga kull sena.

Mir-ricerki tirrizulta **prokura wahda biss, cioe' l-Prokura Generali** illi saret ghand in-**Nutar William Azzopardi fl-20 ta' Jannar 2000**, li taghha il-Bank ma ghandux kopja originali.

B'referenza ghad-dokument immarkat bhala Dok. AG6 a fol. 999, Ghigo ikkonfermat illi fuq wara ta' dan ic-cekk hemm il-kliem **"*GPA*"** (li jirreferu ghal ***General Power of Attorney***) **"*in favour of Angela Borg*"**.

Fir-rigward ta' l-awtorizzazzjoni illi permezz taghha thallsu l-interessi mill-kontijiet imsemmija aktar 'il fuq, Ghigo iddikjarat illi dwar il-kontijiet l-antiki hija ma setghetx taghti informazzjoni peress illi dak iz-zmien kienet tintuza sistema differenti.

Fir-rigward tal-kont bin-numru 040-008078-102, ix-xhud ikkonfermat illi kellha kopja ta' l-*ispecimen signature card* u l-*account record sheet.*

Hija kkonfermat li l-Bank kellu struzzjonijiet illi jhallas l-interessi permezz ta' cekk. Ic-cekkijiet inhargu f'isem Maria Fiteni, u ma rrizultawx ismijiet ta' terzi persuni.

**Audrey Ghigo** a fol. 314 et seq. Ikkonfermat li fl-**24 ta' Marzu 2003, is-*Savings Account* bin-numru 042-008078-050 inghalaq u gie zbankat minnu l-ammont ta' tlett elef mitejn u dsatax-il Lira Maltin u tmienja u sebghin centezmu (Lm 3,219.78),** liema ammont kien jinkludi xi interessi illi kienu akkumulaw.

Audrey Ghigo ikkonfermat illi hija kellha **kopji ta' zewg** Prokuri, wahda **Generali datata 20 ta' Jannar 2000**, u l-ohra **Specjali datata 23 ta' Frar 2003**, illi Maria Fiteni tat **lil Angela Borg**. Kien jidher illi t-transazzjoni saret abbazi ta' xi wahda minn dawn iz-zewg prokuri.

Ghigo xhedet li f'kaz ta' Prokura Generali illi tkun *enrolled*, HSBC Bank (Malta) p.l.c. ma jirrikjedix illi tinghatalu kopja originali.

Bil-kelma "*enrolled"*, Ghigo fissret illi jkun hemm in-Nutar bhala *witness to signature and identity*.

**Dottor Eric Mamo**, *Senior Group Legal Manager* ma' l-HSBC Bank (Malta) p.l.c., a fol. 301 et seq., xhed illi nhar it-13 ta' Novembru 2003, huwa kien informa lil Dottor Aaron M. Bugeja illi kienet instabet prokura antecedenti ghal dik illi dwarha kien qieghed jitqajjem is-suspett u li ebda prokura kemm dik generali u kif ukol dik specjali ma nstabet fl-original taghha.

B'referenza ghad-dokumenti mmarkati bhala Dok. AG3 u Dok. AG6**,** ix-xhud ikkonferma illi fuq wara ta' kull wiehed miz-zewg cekkijiet, jidher **illi l-iskrivan tal-Bank kien ghamel annotament dwar il-Prokura Generali** ezistenti favur Angela Borg. Gew ezebiti Dok. EM 3 sa EM 11 cekkijiet pagabbli lil Mary Fiteni u dokumenti ohra sa EM 21 illi fuq uhud minnhom tidher il-firma ta' Mary Fiteni.

Il-konsulent kirurgu **Arthur Felice,** a fol. 306 et seq., xehed li kien ezamina lil Maria Fiteni kemm l-iSptar kif ukoll privatament.Huwa ikkonferma li kien ezaminaha proprju fl-ahhar sieghat ta' hajjitha, meta Maria Fiteni regghet iddahhlet l-iSptar San Luqa.

Huwa ikkonferma li Fiteni kellha kundizzjonijiet varji, inkluz *Parkinson's Disease*; u *cancer* fi stat avvanzat hafna.

Huwa ikkonferma li ra fis-is-6 ta' Lulju 2002, u kienet iddahhlet l-iSptar fis-7 ta' Awissu 2002 u fid-19 ta' Marzu 2003, affettwata mill-*Parkinson's Disease,* u afflitta mill-*cancer*.

Huwa sostna li Maria Fiteni kellha sintomi ta' roghda u *stiffness* minhabba l-*Parkinson's*

*Disease,* pero` ma setghax jiftakar liema partijiet ta' gisimha setghu kienu affettwati.

Huwa sostna li fl-ahhar jum ta' hajjitha, Maria Fiteni kienet *comatose*.

Il-perkors fiziku ta'Maria Fiteni, kien wiehed ta' deterjorazzjoni konsistenti.

Mill-lat mentali, l-Konsulent Felice xehed li mhux dejjem seta' jikkomunika ma' Fiteni, u dana apparti fl-ahhar il-jum ta' hajjitha.

Matul is-snin, Fiteni kienet tilmenta minn ugigh fl-ghadam, b'mod illi kien hemm suspett kliniku illi seta' kellha *cancer* sekondarju fl-ghadam. Ikkonferma li meta Maria Fiteni kienet tkun mugugha fl-ghadam, kienet tesperjenza certi diffikultajiet sabiex ticcaqlaq jew timxi.

L-konvenuta **Angela Borg** a fol. 311 et seq. xhedet illi hija uzat l-Prokura ta' l-20 ta' Jannar 2000 Dok. AG 1, darba wahda biss.

Maria Fiteni kienet tat il-karta li kienet irceviet mill-Bank lil Angela Borg, flimkien mal-Prokura, u qaltilha sabiex tmur bihom iggib il-flus.

Borg tat il-Prokura lill-iskrivan illi qdieha l-Bank, u dan taha l-flus illi kien hemm imsemmijin fil-karta illi kienet irceviet Maria Fiteni. Dan gara ghall-habta tas-sena 2000.

Angela Borg tat lill-iskrivan tal-Bank l-kopja tal-Prokura illi kien taha n-Nutar, pero` minhabba li ma kienitx taf taqra, ma kienitx taf jekk l-iskrivan tahiex lura l-original jew sempliciment *photocopy* taghha.

Darba Maria Fiteni kienet qalet lix-xhud illi kellha xi tlett elef u mitejn Lira Maltin (Lm 3,200) il-Bank, u riedet tizbankahom sabiex bihom tixtri sodda specjali.

Madwar hmistax-il gurnata qabel ma mietet, Maria Fiteni baghtet lil Angela Borg sabiex tizbanka l-imsemmi ammont.

Borg ma rieditx tuza l-Prokura Generali (**Dok. PAB1**) ghaliex ma rieditx illi Fiteni jghaddilha xi hsieb hazin fir-rigward taghha, u ghalhekk Borg kienet talbitha taghmlilha

Prokura Specjali biex tigbed dawn il-flus.

Effettivament skond Brog, din il-Prokura Specjali saret, u Angela Borg ghaddiet il-flus li hija gibdet mill-Bank lil Maria Fiteni quddiem ix-xiehda.

Peress illi Maria Fiteni mietet ftit wara, Angela Borg ma lahqitx xtrat is-sodda.

Il-kopja tal-Prokura Generali illi Angela Borg esebiet in atti bhala Dok. PAB1 kienet tinsab merfugha fid-dar ta' Maria Fiteni.

Angela Borg a fol. 342 et seq sostniet illi fit-testmenti datati Frar 2000, u Frar 2001 Maria Fiteni kienet talbitha issejjah lin-Nutar Dottor Joseph Lia. Borg issostni li ma kienitx taf lin-Nutar Lia.

Maria Fiteni kienet qalet lil Angela Borg illi hija kienet tixtieq illi hija tgawdi d-dar ta' l-istess Fiteni b'kull ma kien hemm go fiha.

Aktar tard, Fiteni kienet qalet lill-Angela Borg illi fit-testment taghha riedet tnizzel ukoll lill-konvenut Lawrence Borg, ghaliex kienet taf kemm il-konvenuti Angela u Lawrence ahwa Borg kienu jbatu maghha.

Il-konvenut Lawrence Borg kien jiehu hsieb jekk ikun hemm bzonn xi manutenzjoni fid-dar ta'Fiteni. Barra minn hekk, ghal tliet snin u erba' xhur shah, il-konvenut Borg kien imur id-dar ta'Maria Fiteni kuljum sabiex imexxiha tul il-kuridur sabiex ma jkomplux jintefhulha saqajha.

Meta kienu jieqfu jaraw it-televizjoni fil-ghaxija, ghall-habta tal-11.00 p.m., il-konvenut Lawrence Borg kien ighin lil Angela Borg sabiex iddahhal lil Maria Fiteni fis-sodda, peress illi Fiteni kellha sodda dejqa hafna, u minhabba f'hekk Angela Borg kellha bzonn l-ghajnuna, partikolarment peress illi Fiteni kienet iebsa.

Sakemm mietet Maria Fiteni, il-konvenut Lawrence Borg kien imur izurha kuljum, pero` kien qed ighix ghand Jane Pace oht Angela Borg.

Angela Borg sostniet illi kienet ghamlet tmien xhur shah tiehu hsieb ta’ kull bzonn illi Maria Fiteni kien ikollha, inkluz illi torqod maghha.

F’Awissu tas-sena 1999, Angela Borg kienet regghet marret toqghod f’darha, izda f’Dicembru ta’ dik l-istess sena, Maria Fiteni kienet waqghet u Borg kienet regghet bdiet torqod ma Fiteni, kif baqghet taghmel sal-jum tal-mewt taghha.

Il-konvenut Lawrence Borg ma kellu ebda proprjeta’.

Xi gimghat wara illi Maria Fiteni ghamlet l-ahhar testment taghha, kienu marru jarawha l-atturi. Ghalkemm Borg ma kienitx prezenti ghall-konversazzjoni bejn Fiteni u l-attur Anthony Bianchi, wara illi l-atturi telqu, l-istess Fiteni kienet informatha illi kull ma ried Anthony Bianchi kien illi jaqra t-testment illi hija kienet ghamlet.

Angela Borg ma tafx jekk fil-fatt f’dik l-okkazjoni, Maria Fiteni kienitx uriet tali testment lill-attur jew le.

Angela Borg, in kontro-ezami a fol. 352 u a fol. 357, xhedet illi meta hija qalet illi Maria Fiteni kienet ibbieset, riedet tfisser illi dina kienet ibbieset minn saqajha illi kienu jintefhulha ghaliex kienu jimtlew bl-ilma. Maria Fiteni kellha bzonn l-ghajnuna sabiex tqum bil-qieghda u taqbad il-*walking frame* sabiex timxi sal-kamra fejn hija kienet tara t-televizjoni. Dan kien f’Dicembru 1999.

Maria Fiteni kienet timxi bil-*walking frame* u Angela Borg kienet toqghod hdejha ghaliex kienet tibza’ illi taqa’. Fiteni kienet tiekol wahedha hlief fl-ahhar hmistax-il gurnata qabel ma mietet, meta Borg kien ikollha tghollilha idha sabiex tkun tista’ tiekol.

Fis-sena 2000, Maria Fiteni baqghet tibbies minn saqajha u minn daharha. Hija kienet tharrek idejha, pero` kienet batuta minn daharha. Fiteni kienet baqghet tbati minn daharha u minn saqajha wara l-waqa’ taghha.

Angela Borg sostniet li Maria Fiteni ma kienitx pupletika.

Borg kienet hadet lil Maria Fiteni xi darbtejn jew tliet darbiet l-iSptar ghall-fizjoterapija,

imbaghad kienet bdiet tmur wahda d-dar taghha sabiex taghmlilha l-fizjoterapija f'dirghajha.

Maria Fiteni kellha problemi fi drieghha tax-xellug minhabba illi giet operata ghall-kankru tas-sider.

Meta Maria Fiteni ghamlet l-ahhar Karta ta' l-Identita` taghha, Angela Borg ma rathiex taghmel is-salib fuq l-imsemmi dokument, peress illi dak il-hin l-istess Borg kienet illargat, u sakemm marret lura, l-ufficjal kien diga` lestieh id-dokument.

Fl-ahhar hmistax ta' hajjitha, Maria Fiteni kellha *chest infection* u minn hemm baqghet sejra lura u mietet.

Borg sostniet li bl-eta`, Maria Fiteni ma kienitx baqghet tiffirma dritt, imma bdiet tiffirma mghawweg.

Sabiex issarraf ic-cekkijiet, Borg kienet tuza l-prokura illi kien jaghmlilha ghal dak il-hin biss il-konvenut Nutar Lia. Imbaghad Borg kienet tqatta' l-prokura dak il-hin stess illi ssarraf ic-cekk, ghaliex din ma kienitx tkun tiswa aktar.

Il-flus illi Angela Borg, flimkien mal-konvenut Lawrence Borg, kienu ser juzaw sabiex jixtru sodda lil Maria Fiteni fil-jum ta' din it-testimonjanza kienu jinsabu fid-dar ta' l-istess Fiteni.

Murija cekk datat 11 ta' Lulju 2002 (Dok. EM5), Angela Borg ikkonfermat illi l-firma illi tidher fuq dan id-dokument tappartjeni lil Maria Fiteni.

Hija sostniet li c-cekkijiet ta' l-interessi kienu jissarrfu fis-sajf.

Angela Borg darba rat lil Fiteni tiffirma cekk, u gieli ratha tiffirma formoli ta' l-*income tax* ghall-attur Anthony Bianchi, izda qatt ma ratha tiffirma b'salib.

Il-Prokura tas-sitt elef Lira Maltija (Lm 6,000.00) kienet zammitha Maria Fiteni. Wara illi Angela Borg zbankat l-imsemmija somma, Fiteni riedet lil Borg tigbor l-interessi, u qaltilha illi din il-Prokura setghet tuzaha kull meta kien imissha tigbor l-interessi. Pero` Borg ma rieditx taghmel dan u ghalhekk in-Nutar Lia kien jaghmlilha prokura specjali kull darba.

Kienu saru xi tnejn jew tlieta minn dawn il-prokuri specjali;

Ic-cekkijiet illi Angela Borg sarrfet ghan-nom ta’ Maria Fiteni kienu kollha ffirmati mill-istess Fiteni;

Il-Prokura tas-sitt elef Lira Maltija (Lm 6,000.00), ix-xhud uzata darba biss sabiex zbankat l-istess ammont. Din il-Prokura kien ghamilha n-Nutar William Azzopardi.

Meta zbankat is-somma ta’ tlett elef Lira Maltija (Lm 3,000.00), Angela Borg kienet uzat il-prokura illi saret mill-konvenut Nutar Lia.

**Nutar William Azzopardi** a fol 313 et seq xehed illi huwa ma jzommx kopji originali tal-Prokuri sakemm dawn ma jkunux transuntati jew annessi ma’ xi Att ippubblikat minnu, ghaliex huwa ma jzommx registru tal-prokuri. Ikkonferma illi l-Prokura Generali datata 20 ta’ Jannar 2000 giet iffirmata quddiemu pero` ma jiftakarx min kien illi fizikament ha f’idejh tali prokura wara illi giet redatta. Din il-Prokura ma kienitx transuntata. B’referenza ghall-kliem “*GPA held ifo Angela Borg in the acts of D. W. Azzopardi dd 20/01/00*” illi jidher fuq l-i*Statement* relattiv ghall-kont bankarju bin-numru 4245030671 (Dok. EM12), In-Nutar Azzopardi iddikjara illi l-Prokura relattiva zgur illi ma kienitx fl-Atti tieghu.

In-Nutar William Azzoppardi riprodott mill-atturi, kompla jixhed a fol 321, illi zmien konsiderevoli wara illi kienet saret il-Prokura ta’ l-20 ta’ Jannar 2000, l-attur Anthony Bianchi kien mar ikellemu dwarha. In-Nutar ma ftakarx fuq x’hiex kien kellmu l-attur Anthony Bianchi, peress illi dan gara madwar hames snin ilu pero kienet xi haga trivjali.

Mistoqsi jekk meta persuna tistaqsi ghal li tehtieg prokura sabiex tigbed il-flus mill-Bank, jaghtix parir illi ssir prokura generali jew wahda specjali, in-Nutar iddikjara illi huwa jispjega d-differenza bejn it-tnejn, u skond ma jaghzel il-klient, jaghmel.

**Emerenziana Agius**, *Executive Officer* fl-Ufficju tar-Registru Elettorali, xhedet a fol. 316 illi meta persuna tmur tigbor il-Karta ta’ l-Identita`, kienet prattika ta’ l-Ufficcju Elettorali illi tinhareg *dummy card* li tigi ffirmata mid-detentur tad-dokument, bhal speci ta’ ricevuta li ngabret il-Karta ta’ l-Identita`.

**Shirley Ann Sciberras** a fol. 317 xhedet illi hija kienet gara ta' Maria Fiteni. Darba kienet marret thabbtilha l-konvenuta Angela Borg sabiex tagixxi bhala xhud tat-testment illi kienet qed taghmel Maria Fiteni, fid-dar ta' Fiteni stess. Sciberras stqarret li kienet xhud tat-testmenti ta' Maria Fiteni, darbtejn. Fit-tieni okkazjoni, kienet prezenti ukoll bhala xiehda ghat-testment, certa Tessie, gara taghhom. Ma tiftakarx jekk it-testment kienx miktub jew dattilografat. Ghall-qari tat-testment tas-sena 2002, kienu prezenti biss hija (Sciberras), l-imsemmija Tessie, il-konvenut Nutar Dottor Joseph Lia u Maria Fiteni – u hadd aktar.

Shirley Ann Sciberras xhedet illi dakinhar iffirmaw l-istess Tessie, Maria Fiteni, il-konvenut Nutar Dottor Joseph Lia u x-xhud innifisha. Kulhadd iffirma fil-prezenza taghha.

Il-konvenut Nutar Dottor Joseph Lia, kien qara l-kontenut tat-testment, fiehem l-istess kontenut tieghu u mbaghad saru l-firem. Ma tiftakarx jekk dakinhar Maria Fiteni tkellmitx. Sciberras xhedet illi tahseb illi dakinhar ffirmat darbtejn.

Sostniet illi Maria Fiteni kienet dehret normali dakinhar, bil-qieghda u titkellem, u ma ftakret xejn partikolari fis-sura taghha.

*"Quddiem ma kien hemm hadd ma kiteb bil-biro hlief ghall-firma."* A fol 318.

**Teresa *sive* Tessie Cutajar,** a fol. 318 xhedet illi fis-7 ta' Frar tas-sena 2002, fil-ghaxija Maria Fiteni kienet baghtet ghaliha ghaliex riedet taghmel xi testment.

Cutajar xhedet illi kienet tafha lill-konvenuta Angela Borg – huma ilhom hbieb u girien. Il-konvenut Nutar Dottor Joseph Lia beda jaqra t-testment u qal lil dawk prezenti sabiex jiffirmaw. Dakinhar Maria Fiteni kienet bhas-soltu; kienet f'sikkitha. Cutajar ikkonfermat illi Fiteni qalet li kienet se taghmel xi dispozizzjonijiet testamentarji favur il-konvenuti Angela u Lawrence ahwa Borg. Cutajar ikkonfermat ukoll illi hija ffirmat id-dokument, pero` ma tiftakarx jekk kienx hemm xi haga ohra miktuba. Cutajar ta' spiss kienet tmur toqghod ma Maria Fiteni sakemm il-konvenuta Angela Borg kienet tmur taghmel xi qadja. Cutajar tiftakar okkazjoni partikolari meta l-konvenuta Angela Borg kienet talbitha sabiex toqghod ma Fiteni sakemm tmur sal-Bank. Meta l-konvenuta Angela Borg giet lura mill-Bank, maghha gabet xi flus u tathom lil Maria Fiteni fil-prezenza taghha.

Cutajar xhedet illi quddiemha ma sarx diskors dwar kemm kien hemm flus, pero` taf illi Maria Fiteni qalet illi kellha bzonn tixtri xi sodda u ghalhekk kellha bzonn dawn il-flus. Hijarat dawn il-flus f'idejn Maria Fiteni, u wara telqet. Cutajar ma tafx taqra.

**Adrian Attard**, *Principal Officer* fid-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali prodott mill-atturi, a fol. 322 u 323 xehed illi l-unici dokumenti relatati ma Maria Fiteni illi d-Dipartiment kellu fil-pussess tieghu, huwa *file* tal-pensjoni illi jikkontjeni tliet dokumenti illi jgibu l-firma taghha, u cioe` zewg applikazzjonijiet ghar-*retirement pension* (Dok. AA1 u Dok. AA2 rispettivament) u Prokura mahruga favur Anthony Grech, detentur tal-Karta ta' l-Identita` Numru 684828(M) (Dok. AA3).

Attard ma kienx f'pozizzjoni illi jesebixxi l-originali ta' l-imsemmija dokumenti, pero` kkonferma illi l-kopji pprezentati minnu huma kopji awtentici tad-dokumenti illi jinsabu fil-*file* relattiv.

**Dr. Anthony Galea Debono**, a fol 328 et seq. xehed illi l-ittra tas-16 ta' Ottubru 2007 (Dok. ABA1) kienet tieghu. Dr. Galea Debono ibbaza d-dikjarazzjoni tieghu f'tali ittra fuq id-dokumenti illi gew ipprezentati lilu (Dok. AGD1 sa Dok. AGD 11), stante illi huwa qatt ma ra lil Maria Fiteni.

Huwa ma jeskludix il-possibilita` illi Fiteni setghet tiffirma fis-7 ta' Frar 2002 u fit-23 ta' Frar 2003, izda jghid illi in vista tal-kondizzjoni taghha, il-probabilita` hija illi f'dawk id-dati hija ma setghetx tiffirma.

**Huwa sostna illi l-kaligrafija ta' xi hadd illi jbati minn *Parkinson's Disease* kienet wahda partikolari** – il-mod kif persuna illi tbati minn din il-marda tikteb, **huwa kwazi dianjostiku**. Ighid kwazi b'certezza illi l-kelma "*Mary*" li tidher fuq il-Prokura tat-23 ta' Frar 2003, ma nkitbitx minn persuna li tbati minn *Parkinson's Disease* u dan bic-certezza li qatt wiehed jista' jitkellem biha umanament.

**Dr. Galea Debono xehed illi , il-kelma "*Mary*" illi tidher fit-tieni faccata tat-testment illi Maria Fiteni ghamlet fis-7 ta' Frar 2002 hija t-tip ta' kitba illi hija tipika ta' persuna illi tbati minn din il-marda. Hija kitba *shaky*.**

Il-firma illi tidher fic-Certifikat Mediku anness ma' l-imsemmi testment, datat 7 ta' Frar 2002, u redatt minn Dottor Christopher Zarb, illi jikkonferma illi Fiteni kienet kapaci illi taghmel testment f'dik id-data, ukoll hija tipika ta' persuna marida bil-*Parkinson's Disease*.

Il-*Parkinson's Disease* hija marda progressiva, pero` ma jkunx hemm varjazzjonijiet tat-tip illi x-xhud innota bejn il-firem tat-testment tas-7 ta' Frar 2002 u dawk tal-Prokura tat-23 ta' Frar 2003.

Persuna b'*Parkinson's Disease*, meta tkun f'gurnata tajba, xorta wahda ma tkunx kapaci tiffirma b'mod car kif jidher fil-Prokura tat-23 ta' Frar 2003, specjalment meta tqabbel il-kelma "*Mary*" mal-kelma "*Fiteni*" li tidher fiz-zewg faccati ta' l-istess dokument. Waqt li kien possibli illi l-kelma "*Fiteni*" fil-Prokura tat-23 ta' Frar 2003 giet miktuba minn persuna illi tbati minn *Parkinson's Disease*, fir-rigward tal-kelma **"*Mary*", Dr. Galea Debono eskluda illi din setghet inkitbet minn persuna illi tbati minn *Parkinson's Disease*.**

Di piu' Fiteni kienet kisret l-ispalla tad-driegh illi kienet tuza ghall-kitba, kif jidher min-notamenti ta' l-isptar, u ghalhekk skond ix-xhud, dan ikompli jaccentwa l-illegibilita` tal-kitba ta' persuna f'din il-kondizzjoni. Dr. Galea Debono ikkonferma illi l-firma illi huwa jikkwalifika bhala tipika ta' persuna illi ssoffri mill-*Parkinson's Disease* hija dik illi tidher fuq it-testment tas-7 ta' Frar 2002.

Dr. Galea Debono jghid illi huma tipici ta' persuna illi tbati minn *Parkinson's Disease* dawk il-kliem illi gew immarkati go kaxxa u b'* fuq l-ewwel u t-tieni faccata tad-dokument immarkat bhala Dok. AGD10, izda mhux dik illi tidher fit-tielet faccata ta' l-istess dokument (ossia c-certifikat mediku anness ma' l-istess testment).

**Stephen Aquilina**, *Bank Manager* HSBC Bank (Malta) plc, Floriana *Branch*, a fol. 331 et seq., xehed illi meta tmur il-Bank persuna bi Prokura Generali, originali, huwa lill-*Legal Office* tal-Bank sabiex jiggwidah. Huwa importanti illi l-Prokura tkun insinwata. Meta tkun Prokura insinwata, isir notament fis-sistema kompjuterizzata tal-Bank, u l-kaxxier jew impjegat tal-Bank ikun jista' jipprocedi minghajr il-htiega illi kull darba jivverifika l-Prokura. Din is-sistema kompjuterizzata kienet ilha tigi wzata mill-Bank ghall-ahhar hames jew sitt snin.

Meta Prokura ma tkunx insinwata, il-Bank jinforma lill-persuna illi tmur il-Bank b'dik il-Prokura illi din ser tintuza ghal darba biss u li l-Bank se jzomm l-istess dokument, anness mad-dokumentazzjoni relattiva, ghal dik it-transazzjoni biss.

Aquilina ma jafx illi qatt ra Prokura Specjali illi ma kienitx insinwata.

Qatt ma gie rinfaccjat b'sitwazzjoni fejn Prokura Specjali tindika ammont illi jista' jigi migbud minn xi kont, illi fil-fatt ikun jeccedi l-ammont effettivament depozitat f'dak il-kont. **Huwa sostna illi prokura Specjali illi tkun saret ghal transazzjoni wahda biss tinzamm mill-Bank.**

**Peter Gatt,** *Manager* fil-fergha ta' *Merchants Street* ta' l-HSBC Bank (Malta) p.l.c., xehed a fol. 332 et seq. illi f'dawk il-kazijiet meta klient imur il-Bank bi Prokura Generali, kemm jekk transuntata jew le, il-Bank jdahhal din il-Prokura fis-sistema kompjuterizzata, sabiex tkun tista' tigi wzata mill-ferghat kollha tal-Bank. Fil-fatt il-Prokura tintbaghat u tinzamm fis-*Securities Department* li jinsab fil-*Head Office* Hal Qormi.

Jekk persuna tmur il-Bank bi Prokura Generali u tkun ser taghmel transazzjoni ta' darba biss, allura, isir notament fuq id-dokumentazzjoni tal-Bank (ez. ic-cekk) u l-Prokura tinghata lura lill-individwu. F'kazijiet meta jkun qed isir *withdrawal* tinzamm kopja wkoll tal-Prokura, *extra cautela* u din il-kopja tigi annessa mal-*withdrawal voucher*. Fuq il-Prokura stess, ma jsir l-ebda notament.

Jekk persuna tmur il-Bank b'awtorizzazzjoni specjali ghal transazzjoni wahda, liema awtorizzazzjoni tkun tindika raguni specifika (ez. ammont specifiku minn kont specifiku, jew sabiex jinghalaq kont specifiku), allura huwa jivverifika d-dokumentazzjoni, u l-Bank stess izzomm l-awtorizzazzjoni specjali li tigi annessa mad-dokumenti tal-Bank (ez. *withdrawal voucher*). L-awtorizzazzjoni specjali tkun trid tindika wkoll il-persuna illi tkun giet awtorizzata taghmel it-transazzjoni, b'mod specifiku, u tali persuna tkun trid turi l-Karta ta' l-Identita` taghha, u tiffirma wkoll id-dokument relattiv. Awtorizzazzjoni specjali relattiva ghal transazzjoni wahda tinzamm mill-Fergha tal-Bank fejn issir it-transazzjoni, annessa mad-dokumentazzjoni ta' dik it-transazzjoni stess, sakemm imbaghad, skond is-sistema centralizzata, dawn id-dokumenti flimkien jintbaghtu ghall-*filing* centralizzat tal-Bank.

Jekk tali awtorizzazzjoni specjali tkun saret quddiem Nutar, din tigi trattata bl-istess mod illi gie spjegat hawn fuq.

**L-konvenut Nutar Dottor Joseph Lia** xehed a fol. 334 et seq., illi Maria Fiteni kienet toqghod fl-istess triq fejn kien joqghod hu, ghalhekk kien jafha. Fiteni kienet inkarigatu jaghmel diversi atti.

Qabel it-testment tas-7 ta' Frar 2002, hija kienet ghamlet zewg testmenti ohra. Kienet ghamlet ukoll trasferiment u diversi Prokuri Specjali, ghal skopijiet partikolari.

Nutar Lia kien gie inkarigat sabiex jaghmel it-testment tas-7 ta' Frar 2002, minn Maria Fiteni, tramite Angela Borg, illi kienet marret l-ufficcju tieghu.

Peress illi t-testment ried isir barra mill-ufficju tieghu, kien ffissa appuntament u mar fir-residenza ta' Fiteni.

In-Nutar Lia xehed illi normalment imur jara l-klient xi jkollu f'rasu, imbaghad ihejji t-testment fl-ufficju u jerga' jmur f'okkazjoni sussegwenti ghand il-klient, sabiex jaghmel it-testment.

Muri t-testment tas-7 ta' Frar 2002, in-Nutar Lia ikkonferma illi anke f'dak il-kaz, huwa kien hejja t-testment l-ufficju u mar ghand Maria Fiteni bid-dokument lest.

Meta mar fl-ewwel okkazjoni sabiex jara x'kienet l-intenzjoni ta' Fiteni, Nutar Lia kkonferma li kien kellem lilha zgur.

L-unika haga illi kienet ziedet Maria Fiteni mat-testmenti precedenti taghha, kien l-uzufrutt favur il-konvenut Lawrence Borg illi kien guvni, u jigi hu l-konvenuta Angela Borg. Dr. Lia xhed li, l-konvenut Lawrence Borg kien diga` jghix fl-istess post ma' Maria Fiteni dakinhar illi sar it-testment tas-7 ta' Frar 2002. **In-Nutar Lia jinsisti illi mentalment, Maria Fiteni kienet assolutament sana.**

Dakinhar illi effettivament gie ppubblikat it-testment tas-7 ta' Frar 2002, Fiteni fizikament ma tantx kienet f'sikkitha - kienet mugugha. In-Nutar Lia ikkonferma illi t-tliet firem illi

hemm ta' Maria Fiteni fuq it-testment tas-7 ta' Frar 2002, kienu taghha u saru minnha stess – mija fil-mija. Dr. Lia sostna ma kienx jaf lix-xiehda ta' dan it-testment.

Meta mietet Fiteni, il-konvenuta Angela Borg u l-attur Anthony Bianchi kienu marru ghandu, u dan qralhom dak illi kien l-ahhar testment ta' Maria Fiteni fl-atti tieghu. Dan kien salv ir-ricerki testamentarji illi kellhom isiru.

Mill-bidu sa l-ahhar, l-attur Anthony Bianchi kien assolutament sodisfatt bl-inkarigu tieghu cioe' illi jaghmel id-dikjarazzjoni *causa mortis* u l-izbank ta' ammonti sostanzjali ta' flus minn HSBC Bank (Malta) p.l.c. **tant illi kien hallsu aktar milli talbu.**

In-Nutar Lia xhed li l-attur qatt ma lmenta dwar dak illi kien messu, jew dwar dak illi messhom il-konvenuti Borg mis-successjoni ta' Maria Fiteni. In-Nutar Lia xhed illi huwa wera u qara lill-partijiet kollha t-testment originali. Hareg kopji legali ta' l-istess. Man-Nutar Lia, l-attur Anthony Bianchi qatt ma lmenta riferibbilment dwar firem ta' Maria Fiteni.

In-Nutar Lia sostna li l-attur Anthony Bianchi kien jaf bil-kontenut u l-ezistenza tat-testment tas-7 ta' Frar 2002, ghaliex kien jaghmel ricerki testamentarji kull sitt xhur dwar Maria Fiteni, u kien kellimha dwar dan it-testment.

L-attur Anthony Bianchi dejjem insista man-Nutar Lia li jinghata it-testment originali, pero` dan ma kienx possibli ghaliex it-testment originali dejjem jibqa' ghand in-Nutar u eventwalment jigi trasmess lin-Nutar tal-Gvern.

Wara illi tlestiet il-*causa mortis* u l-proceduri l-ohra kollha, n-Nutar ta l-original tat-testment f'idejn l-attur Anthony Bianchi u huwa stess ghamel fotokopja ta' dan it-testment. Madankollu, ghar-ragunijiet ga` moghtija, n-Nutar ma setax ighaddi l-original lill-attur Anthony Bianchi sabiex dan ta' l-ahhar jiehdu d-dar mieghu kif ippretenda hu.

In-Nutar Lia ma ftakarx jekk bejn it-testment tas-7 ta' Frar 2002 u l-Prokura tat-23 ta' Frar 2003, kienx ghamel xi xoghol iehor ghal- Maria Fiteni. B'referenza ghall-Prokura Specjali tat-23 ta' Frar 2003, il-konvenut Nutar Lia kkonferma illi l-firem ta' Maria Fiteni illi jidhru fuq l-istess dokument saru minnha stess. F'dak il-kaz, In-Nutar Lia kien ha l-formola ta' Prokura Generali mieghu, pero` Fiteni illi kienet mara preciza hafna u taf xi trid, kienet

insistiet illi l-prokura kellha tkun limitata ghall-iskop illi gie indikat fil-paragrafu 14 tal-Prokura.

Kien ghalhekk illi n-Nutar Lia kien qal lil Fiteni illi kien ikun ahjar illi jergghu jiltaqghu halli huwa jilhaq jipprepara Prokura Specjali u mhux juza l-*istandard form*.

Il-Prokura Specjali saret fid-dar ta'Maria Fiteni.

Fil-hin illi kienet qed issir il-Prokura, fil-kamra, apparti x-xhud u Maria Fiteni, kien hemm il-konvenuta Angela Borg. Pero` huwa iddiskuta ma Maria Fiteni x'kellu jitnizzel fil-Prokura meta l-konvenuta Angela Borg kienet f'kamra ohra. Meta huwa staqsieha lil min riedet taghmel bhala Prokuratur taghha, Maria Fiteni kienet ikkonfermat illi hija riedet lil Angela Borg u lil hadd iktar.

Fil-Prokura, in-Nutar Lia enfasizza anke *in bold capital lettering* illi din kienet Prokura specifika ghal dan il-ghan biss, ghaliex ried illi jevita l-possibilita` illi l-iskrivan ma jaqrax id-dettall tal-Prokura, u bi svista jaghmel xi zbank illi ma kienx awtorizzat minn Fiteni.

In-Nutar Lia halla l-original tal-Prokura ma Maria Fiteni, u l-Prokura ma gietx transuntata. In-Nutar Lia ma zammx kopja ta' din il-Prokura ghaliex huwa ma jzommx kopji ta' Prokuri.

Il-konvenuta Angela Borg qatt ma kienet klienta tan-Nutar Lia –Maria Fiteni kienet il-klienta tieghu, u huwa kien dejjem haresl-interess ta' l-istess Fiteni.

Wara illi sar l-izbank u l-*causa mortis*, In-Nutar Lia kien gie avvicinat mill-attur Anthony Bianchi illi talbu jikkonvinci lill-konvenuta Angela Borg sabiex trodd lura s-somma li setghet ingibdet, illi kellha tintuza ghal sodda specjali u apparat iehor ta' l-anzjani ghal Maria Fiteni, peress illi Fiteni kienet lahqet mietet.

In-Nutar Lia kien ghadda tali messagg lill-konvenuta Angela Borg. Meta l-attur Anthony Bianchi baqa' jissikka lin-Nutar sabiex jikkonvinci lill-konvenuta Angela Borg, l-istess attur beda jitfa' certi rimarki specjalment dwar il-Prokura.

In-Nutar Lia xehed kien qal lill-attur Anthony Bianchi sabiex jiehu parir minghand avukat.

Skond l-istess konvenut Nutar Lia, l-attur Anthony Bianchi kien mar ghand avukat, u mbaghad anke ghand it-tieni avukat , cioe' Dr. Aaron Bugeja, illi kien cempel lin-Nutar, kwazi rrikattah illi jekk ma jikkonvincix lill-konvenuta Angela Borg, kienu ser se jhammgulu ismu.

Dakinhar, in-Nutar Lia kien informa lill-Avukat Aaron Bugeja illi huwa ma kienx ser jibza' mill-ebda rikatt u stieden lill-atturi u lill-konsulent legali taghhom sabiex jiehdu l-passi kollha illi kien jidhrilhom.

Dr. Aaron Bugeja mbaghad ma kompliex fl-inkarigu tieghu u wara nfethet din il-kawza.

L-ahhar darba illi kien iltaqa' ma' l-attur Anthony Bianchi u martu gewwa l-ufficcju tieghu, kienet l-unika darba illi l-attur mar gewwa l-ufficcju.

Dan l-ahhar inkontru illi sar qabel ma nbdiet din il-kawza, kien dwar il-Prokura.

L-attrici Joan Bianchi hemmhekk sostniet illi hija kienet sodisfatta bix-xoghol n-Nutar, u ma riedet titfa' l-ebda dubbju fuq il-Prokura redatta minnu.

Kien hemm battibekk bejn il-konjugi Bianchi, fejn l-attrici Joan Bianchi qalet lil zewgha illi hi ma kellhiex il-wicc tidhol fl-ebda kawza, specjalment mal-konvenuta Angela Borg, dwar dik il-Prokura.

Joan Bianchi hija n-neputija ta' Maria Fiteni.

Fit-tieni xhieda tieghu **il-konvenut Nutar Dottor Joseph Lia** a fol. 340 et seq. sostna illi Maria Fiteni kienet tibki quddiemu ghaliex kienet tibza' mill-attur Anthony Bianchi, ghalkemm mhux minn martu l-attrici Joan Bianchi.

In-Nutar Lia kien jaf lil Fiteni izjed milli kien jafha l-attur Bianchi – kienet mara ferrihija pero` kienet tidher illi tibza' mill- attur ghaliex kien jiccekkja kull haga illi kienet taghmel.

In-Nutar Lia xehed illi minn kliem Fiteni stess, hija dejjem insistiet illi thalli lill-attur

Anthony Bianchi bhala eredi fit-testmenti illi hija ghamlet, mhux ghaliex kellha xi rispett lejh, izda ghaliex kienet tibza' minnu ghaliex kien ikun jaf kull pass illi kienet taghmel.

Fil-gurnata tal-qari tat-testment tas-7 ta' Frar 2002, wara l-mewt ta' Maria Fiteni, l-attur Anthony Bianchi kien jaf assolutament bil-kontenut ta' dan l-ahhar testment u dan peress illi kien huwa stess illi inkarigah sabiex jaghmel il-*causa mortis* u l-izbank ta' kwazi Lm 40,000 mill-HSBC Bank (Malta) p.l.c.

Sakemm l-attur Anthony Bianchi ha fil-pussess tieghu l-eredita` tad-dar numru 4, "Manhattan", Triq Bormla, Zabbar, illi ghal skop ta' taxxa stmaha Lm 30,000, u sakemm zbanka l-assi kollha ta' Fiteni mill-HSBC Bank (Malta) p.l.c., **l-istess attur kien kontinwament jaghmel pressjoni fuq in-Nutar sabiex dan ighaggel il-proceduri, anke billi jaqbez klienti ohrajn.**

L-attur Anthony Bianchi **qatt ma lmenta mieghu dwar il-kontenut ta' l-ahhar testment ta' Fiteni sakemm gew terminati l-proceduri ta' l-izbank.**

Kien biss wara illi inkarigah sabiex ikellem lill-konvenuta Angela Borg dwar il-flus migbuda minn HSBC Bank (Malta) p.l.c. tramite l-Prokura Specjali datata 23 ta' Frar 2003 illi bdew l-ilmenti ta' l-attur Anthony Bianchi dwar it-testment ta'Fiteni.

Kien f'dak l-istadju illi n-Nutar beda jircievi l-korrispondenza minghand il-konsulenti legali ta' l-attur Anthony Bianchi u eventwalment inbdew il-proceduri odjerni.

F'dak il-perijodu, in-Nutar Lia kien staqsa lill-attur Anthony Bianchi ghaliex ma kienx ha hsieb lil Fiteni huwa stess, jew martu. It-twegiba ta' l-attur kienet illi huwa ma kienx ha hsieb ta' Fiteni personalment ghaliex kellu "*priorities ohra*".

Nutar Dottor Joseph Lia in kontro ezami a fol. 359 xehed illi meta sar it-testment tas-7 ta' Frar 2002, Maria Fiteni kienet mentalment f'sikkitha. Kull darba illi Maria Fiteni ghamlet xi dokument quddiemu, dina ffirmat l-istess dokument quddiemu.

L-**attrici Jane Bianchi**, in subizzjoni a fol. 345 et seq xhedet li hija kienet l-unika neputija ta' Maria Fiteni, u kellhom relazzjoni tajba bejniethom.

Meta Maria Fiteni kibret, Jane Bianchi u zewgha l-attur Anthony Bianchi kienu jzuruha, u kienu wkoll jehduha ghand il-professur.

Meta Fiteni kien ikollha l-bzonnijiet il-kbar, kienet iddur biha il-konvenuta Angela Borg - kien hemm zmien meta Fiteni kienet giet totalment dipendenti fuq l-istess konvenuta.

Jane Bianchi kienet toffri l-ghajnuna taghha, pero` Fiteni kienet tghidilha illi ma riedithiex tbati.

Darba Maria Fiteni kienet waqghet, u kienet sabitha l-konvenuta Angela Borg, li kienet marret ghajjtet lil huha l-konvenut Lawrence Borg sabiex imur ighinha. Bhala ringrazzjament, Fiteni kienet ser thalli d-dar taghha lill-konvenuta Angela Borg, sabiex din tghix fiha; kienet ser taghti garaxx lill-konvenut Lawrence Borg, u hallietilhom xi somma ta' flus illi kienet teccedi s-sitt elef Lira Maltija (Lm 6,000).

Maria Fiteni kienet talbet lill-attur Anthony Bianchi sabiex jaghmel Prokura biex jibda jgib xi affarijiet tac-cekkijiet – Bianchi ma tiftakarx meta gara dan.

L-atturi kienu kuntenti illi Fiteni kienet ser thalli d-dar lill-konvenuta Angela Borg biex tghix fiha u l-garaxx lill-konvenut Lawrence Borg, kif ukoll il-flus imsemmija.

F'okkazjoni partikolari, meta l-atturi kienu ghand Maria Fiteni, din kienet talbet lill-attur Anthony Bianchi sabiex jiehu l-prokura halli jezaminaha. Dakinhar il-konvenuta Angela Borg kienet hatfet tali prokura, ghaffgitha u ramietha ma' l-art - bhal donnha rrabbjat. Din kienet prokura sabiex l-attur Anthony Bianchi jibda jgib l-interessi.

Fil-vaganzi tas-Sajf tas-sena 2003, l-attur Anthony Bianchi kien qieghed jara xi dokumenti u induna illi l-firma illi hemm fuq il-Prokura tat-23 ta' Frar 2003, ma kienitx ta' Maria Fiteni.

Jane Bianchi ma kienitx rat il-Prokura illi l-konvenuta Angela Borg ghaffget.

Bianchi ma ftakritx jekk dakinhar Fiteni kienitx qalet lill-atturi f'isem min kienet il-prokura sabiex jingiebu l-interessi.

Bianchi xhedet illi dejjem halliet f'idejn zewgha, u dan ma tantx kien ighidilha affarijiet dwar dak illi kien qieghed jigri, sabiex ma jinkwetahiex.

Il-pensjoni ta' kull xahar ta'Fiteni kien isarrafha kuginuha stess. Bianchi ma tafx min kien jiehu hsieb l-imghax tal-Bank. Fiteni qatt ma informatha jekk apparti l-imghax u l-pensjoni, kellhiex bzonn illi tigbed xi flus mill-Bank.

Bianchi xhedet illi Fiteni qatt ma kienet ser tippermetti illi l-konvenut Lawrence Borg jigi qabel l-attur Anthony Bianchi, ghaliex Fitenilill-atturi kienet thobbhom hafna.

Bianchi stqarret illi il-firma fuq it-testment tas-7 ta' Frar 2002 ma kienitx ta' Maria Fiteni ghaliex Fiteni dak iz-zmien tant kienet mugugha illi qatt ma setghet tiffirma.

L-atturi kienu jafu illi Maria Fiteni kienet ghamlet it-testment tas-7 ta' Frar 2002 ghaliex l-attur Anthony Bianchi kien jaghmel ir-ricerki relattivi. L-atturi ma kienux ighidu lil Fiteni bir-ricerki sabiex ma jinkwetawhiex.

Meta konfrontata bil-mistoqsija ta' l-atturi, Maria Fiteni bdiet tibki u qaltilhom:

> "*tajtha d-dar lil Gola*[1] *biex tghix fiha u tajt il-garaxx lil huha, u tajthom sitt elef u fuqhom flus, xi trid iktar? Ara Ton, ma nista' nghidlek xejn ghaliex jinqala' inkwiet kbir*"; Vide fol 348.

Jane Bianchi iddikjarat illi hija u zewgha l-attur Anthony Bianchi qatt ma gergru dwar id-dispozizzjonijiet testamentarji ta'Fiteni, pero` li kieku kienu jafu illi wara l-konvenuta Angela Borg kien ser imur joqghod fid-dar il-konvenut Lawrence Borg, zgur kien jinqala' pandemonju u glied da parti ta' l-atturi.

Fiteni lill-atturi kienet qaltilhom illi hija kienet halliet dak kollu lill-konvenuta Angela Borg, izda illi ma kienitx ser iccedilha l-flus.

[1] L-isem illi l-konvenuta Angela Borg hija komunement maghrufa bih.

Bianchi xhedet illi hija u zewgha wirtu minghand Maria Fiteni somma ta' madwar tletin elf Lira Maltija (Lm 30,000); fil-fatt din is-somma kienet tinsab fil-pussess ta' l-atturi.

Wara l-mewt ta' Maria Fiteni, l-atturi, flimkien mal-konvenuta Angela Borg, kienu marru ghand il-konvenut Nutar Dottor Joseph Lia, sabiex jinqara t-testment. Meta l-atturi semghu illi l-konvenut Lawrence Borg kien ser jibqa' fid-dar ta' Fiteni wara l-mewt tal-konvenuta Angela Borg, huma kienu sorprizi.

Wara l-qari tat-testment, l-atturi inkarigaw lill-konvenut in-Nutar Dottor Joseph Lia sabiex jiehu hsieb tal-proceduri relattivi.

Ghall-proceduri odjerni, Jane Bianchi iddikjarat illi halliet f'idejn zewgha u li huwa jaghmel kollox bil-barka taghha.

Skond Jane Bianchi, l-attur Anthony Bianchi kien ihobbha hafna lil Fiteni – lanqas bir-ricerki illi kien jaghmel qatt ma qalilha, hlief b'dawk illi minnhom irrizulta l-ahhar testment ghaliex l-atturi kienu staqsewha dwaru.

Maria Fiteni qatt ma ammettiet ma Jane Bianchi illi hija kienet ghamlet it-testment tas-7 ta' Frar 2002.

Bianchi ma ftakritx kemm kien ghadda zmien bejn il-jum meta l-atturi kienu staqsew lil Maria Fiteni dwar l-ahhar testment taghha u d-data tal-mewt taghha.

**Fir-rapport tieghu l-Perit Tekniku Dr. Martin Bajada** ghamel analizi komparattiv bejn il-firem allegatament ta' Maria Fiteni fis-segwenti dokumenti: -

a. Prokura datata 23 ta' April 2003 (Dok. AB5);
b. Testment datat 7 ta' Frar 2002 (Dok. T2) jew (Dok. E);
c. Testment datat 24 ta' Frar 2000 (Dok. T1); u
d. Kuntratt datat l-1 ta' Frar 2000 (Dok. K1) jew (Dok. AB26).

mal-kampjuni tal-firma ta' Mary Fiteni mehuda mis-segwenti *controlled documents*:-

Dok. AA4 – Prokura tad-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali datata 4 ta' April 1994;
Dok. DAF1 A[1] - *Operation Consent Form* mill-*file* ta' l-iSptar San Luqa datata 16 ta' April 1994;
Dok. DAF1 A[2] - *Operation Consent Form* mill-*file* ta' l-iSptar San Luqa datata 25 ta' Gunju 1994;
Dok. DAF1 A[3] - *Operation Consent Form* mill-*file* ta' l-iSptar San Luqa datata 6 ta' April 1999;
Dok. EM 16 – *Bank Account Opening Form* datata 9 ta' Lulju 1986;
Dok. EM17 – *Bank Account Opening Form* datata 3 ta' Awissu 1999;
Dok. EM18 – *Bank Account Opening Form* datata 3 ta' Awissu 1999.

Fl-analizi imhejji mill-espert tekniku gew identifikati tnax-il *trait* fl-isem *"Mary"* u ghaxar *traits* fil-kunjom *"Fiteni"*:

1. erba' *traits* fl-isem *"Mary"* kienu prezenti fil-*controlled sample* kollu, filwaqt illi hames *traits* fil-kunjom *"Fiteni"* kienu prezenti fil-*controlled* sample kollu;

2. *trait* ohra illi giet identifikata fil-kunjom *"Fiteni"* hija l-kostruzzjoni u l-forma ta' l-ittra *"F";*

3. il-kumplament tat-*traits*, kemm fl-isem, kif ukoll fil-kunjom, jifformaw devjazzjoni, liema devjazzjoni hija wahda ghal kollox naturali.

Il-Perit Tekniku ha konjizzjoni tas-segwenti fatturi illi setghu kellhom effett dirett fuq il-kwalita` tal-kaligrafija u l-firma ta' Maria Fiteni:

i. Il-fatt illi fil-31 ta' Jannar 2002, Maria Fiteni kellha spallejha dizlogata, kif ikkonfermat minn Dottor Christopher Zarb vide Dok. AB 23;

ii. Il-fatt illi fit-8 ta' Frar 2002, Maria Fiteni *"was in pain and her right upper hand was in a sling"*, kif konfermat mill-konsulent Sciberras, vide Dok.AB 24;

iii. Il-fatt illi fis-6 ta' Lulju 2002 Maria Fiteni kellha *mild cog wheel rigidity* u sussegwentement fit-12 ta' Awissu 2002 din ma kienitx fuq *anti-Parkinsonian medication,* izda kienet fuq *Sinemet 110* fit-12 ta' Marzu 2003, u dana skond kif konfermat minn Dottor Hugo Agius Muscat, vide Dok. AGD 9;

iv. L-fehma medika ta' Dottor Anthony Galea Debono illi fis-16 ta' Ottubru 2007 irrileva illi: *"In my opinion, taking all evidence into consideration, it is not likely that she [Mary Fiteni] could have signed these documents*", (cioe Dok.T2 u Dok. AB5) u x-xhieda a fol. 328;

v. Ix-xhieda ta' Noel Calleja, impjegat fi hdan l-Ufficju Elettorali, fis-sens illi f'Lulju 2002 Maria Fiteni ma ffirmatx fuq il-Karta ta' l-Identita` taghha ghaliex ma setghetx tikteb.

L-ezami komparattiv li twetttaq mill-Perit Tekniku sar bejn it-*traits* identifikati fil-*controlled samples* u l-firem allegatament ta' Maria Fiteni fuq is-segwenti dokumenti:

- Kuntratt ta' bejgh bejn Maria Fiteni u l-konvenut Lawrence Borg datat 1 ta' Frar 2000 (Dok. K1);
- Testment ta' Maria Fiteni datat 24 ta' Frar 2000 (Dok. T1);
- Testment ta' Maria Fiteni datat 7 ta' Frar 2002 (Dok. T2);
- Prokura ta' Maria Fiteni favur il-konvenuta Angela Borg, datata 23 ta' Frar 2003 (Dok. AB5).

Illi mill-analizi komparattiv illi sar bejn il-*controlled sample* tal-firem ta'Maria Fiteni mal-firem allegatament ta' l-istess Fiteni fuq id-dokumenti fuq indikati Dr. Bajada ikkonkluda li:

1. Il-firem ta' Maria Fiteni fuq il-Kuntratt ta' l-1 ta' Frar 2000 (Dok. K1) u t-testment ta' l-24 ta' Frar 2000 (Dok. T1), saru minn Maria Fiteni;

2. Il-firem ta' Maria Fiteni fuq it-Testment tas-7 ta' Frar 2002 (Dok. T2) huma kompatibbli ma' persuna afflitta bil-marda tal-*Parkinson's* u l-Perit Tekniku Dr.

Bajada kien tal-opinjoni illi dawn saru minn Maria Fiteni stess;

3. Il-firma ta' Maria Fiteni fuq ic-certifikat mediku anness mat-testment tas-7 ta' Frar 2002 saret minn zewg persuni differenti fis-sens illi l-isem "*Mary*" inkiteb minn persuna mhix maghrufa filwaqt illi l-kunjom "*Fiteni*" inkiteb minn Maria Fiteni nnifisha;

4. Il-firem allegatament ta' Maria Fiteni fuq il-Prokura tat-23 ta' Frar 2003 huma simulazzjoni tal-firma ta' l-istess Maria Fiteni, u ghaldaqstant huma firem foloz. Madankollu l-Perit Tekniku ma kienx f'pozizzjoni illi jindika min seta' ghamel dawn il-firem foloz.

**Illi il-periti addizzjonali** wara li ezaminaw id-dokumenti rilevanti u qiesu l-fatturi determinanti li jidhru fir-rapport taghhom, wasslu ghal konkluzjoni :

1. *"Illi l-firem f'Dok K1 u Dok T1 , kuntratt datat 1 ta' Frar 2000 u t- testment datat 24 ta' Frar 2000 rispettivament, huma firem genwini.*

2. *Illi il-firem f'Dok T2, huma ukoll genwini (ghalkemm effettwati bil-marda li kellha tal-Parkinsons)*

3. *Illi ma naqblux mal-konkluzzjoni ta' Dr. Martin Bajada u nghidu li l-firma li tinqara bhala Mary Fiteni hija genwina.*

4. *Illi l-firem li hemm f' Dok AB5, prokura datata 23 ta' Frar 2003, jidhru li huma foloz."*

Dan ntqal mill-Periti Perizjuri 'l ghaliex:

> *"z-zewg firem ta' fuq il-prokura datata 23 ta' Frar 2003, sena wara li waqghet, jindikaw illi Mary Fiteni ghamlet progress fiziku fi spallitha, ghalkemm il-kaligrafija kienet ghadha affettwata bil-marda tal-Parkinson.*

*L- analisi u l-paragun bejn dawn iz-zewg firem ma dik ta' Mary Fiteni fuq Dok EM17 (fol 389). Il-bidu ta' l-'M' kapitali hija inizjalment maqtuha fl-ewwel 'nokkla' qabel ma titla ghal- 'M' kapitali.*

*Il- forma ta' l- 'r' hija identika, l- 'n' ta' Fiteni bl-ewwel mina ghola mit-tieni' il- forma ta' l- 'i' u l- gholi tat- tikkek mill- 'i', huma konsistenti u jaqblu mal-firem genwini ta' Mary Fiteni.*

*Jekk xi hadd iffalsifikah ma kienx jipprova ivarja izda kien jipprova jxebbah."*

**Ikkonsidrat:**

Permezz tat-testment taghha tas-7 ta' Frar 2002 fl-Atti tal-konvenut Nutar Dottor Joseph Lia, Maria Fiteni, filwaqt illi nnominat lill-atturi bhala eredi universali taghha:-

i. halliet b'titolu ta' legat favur il-konvenuti Angela Borg u Lawrence Borg id-dritt ta' l-uzu, abitazzjoni u uzufrutt tad-dar 4, Manhattan, Triq Bormla, Zabbar, flimkien ma' l-effetti mobbli kollha ta' go fiha, liema uzufrutt kellu jispicca mal-mewt ta' l-ahhar wiehed jew wahda fost l-istess konvenuti; u wkoll

ii. halliet b'titolu ta' legat favur il-konvenuta Angela Borg, il-flus kontanti kollha illi fid-data tal-mewt tat-testatrici setghu jkunu jinsabu fid-dar ta' residenza taghha 4, Manhattan, Triq Bormla, Zabbar.

L-atturi qieghdin jikkontestaw il-validita` ta' **dan it-testment** billi jinsistu illi l-firem ta' Maria Fiteni fuq l-istess dokument huma foloz. Jattribwixxu r-responsabilita` ghal tali allegata falsifikazzjoni lill-konvenuti jew min minnhom.

Illi din il-Qorti fliet bir-reqqa ir-relazzjoni tal-Perit Tekniku Martin Bajada ghal dak li jirrigwarda firem fuq it-testment tas-7 ta' Frar 2002 u kif ukoll ir-relazzjoni addizzjonali tal-Periti Perizjuri u taqbel ,mar-rezultanzi minnhom raggunti, tabracchom u taghmilhom taghha.

Illi di piu’ din il-Qorti fliet bir-reqqa ix-xhieda kollha tal-kaz, b’mod specjali ghat-testimonjanza ta’ Shirley Ann Sciberras u Teresa Cutajar li kienu xhieda fuq dan it-testment. Il-Qorti di piu’,rat u ezaminat il-konkluzjoni tal-Perit Legali u tasal ghall-istess konkluzjoni u cioe’ illi mill-preponderanza tal-provi jidher illi l-firem ta’Maria Fiteni fuq it-testment datat 7 ta’ Frar 2002 huma genwini. Ghaldaqstant dan it-testment ghandu jitqies bhala validu skond il-Ligi.

L-attur jikkontestaw ukoll il-firma ta’ Fiteni fuq il-Prokura Specjali datata 23 ta’ Frar 2003 u *prima facie* ffirmata quddiem il-konvenut Nutar Dottor Joseph Lia, li biha Maria Fiteni allegatament awotrizzat lill-konvenuta Angela Borg sabiex tizbanka u ssarraf l-interessi fuq il-kontijiet bankarji kollha intestati f’isimha; sabiex issarraf ic-cekkijiet tal-pensjoni u tal-beneficcji socjali illi jinhargu f’isimha; u sabiex tizbanka jew issarraf il-flus kollha depozitati fil-kontijiet bankarji tat-tip *Savings* f’isem l-istess Maria Fiteni.

Ghar-rigward tal-kwistjoni tal-genwinita` *o meno* tal-firma ta’ Maria Fiteni fuq din il-prokura specjali din il-Qorti tqis, wara ezami akkurat tal-firem rilevanti u l-konkluzjoni tal-Periti Teknici u taghraf illi l-konkluzjoni tal-Periti Perizjuri fir-rapport taghhom datat 22 ta’Marzu 2013 huwa dak illi din il-Qorti qedgha takkolja, tadottah u taghmlu taghha.

Ghalkemm din il-Qorti tapprezza il-konsiderazzjonijiet ta’ natura prattika li wasslet ghalihom il-Perit Legali Dr. Ramona Frendo minn fol. 269 sat-tieni paragrafu ta’ fol. 270, din il-Qorti hi tal-fehma illi materja ta’ perizja teknika, din il-Qorti ghandha toqghod fuq l-insenjament ta’ dawn il-Qrati meta stabbilew:

> *“kif pacifikament assodat f’bosta decizjonijiet il-konkluzjonijiet peritali huma bhal materjali istruttorji ohrajn kontrolabbli mill-gudikant, tant li kif jinghad fl-Artikoli 681, Kapitolu 12, il-Qorti mhux marbuta li taccetta dawn il-konkluzjonijiet kontra l-konvinzjoni taghha nfisha . Gie deciz, izda, illi* ***“dan ma jfissirx pero’ illi l-Qorti tista’ taghmlu b’mod legger jew kappriccjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha kellha tkun ben fid-dubbju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b’ragunjiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjonijiet ta’ l-aspett tekniku tal-materja taht ezami” (“Philip Grima -vs-Carmelo Mamo et***

> ***nomine”,*** *Appell 29 ta’ Mejju 1998).* ***“Jigifieri l-Qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konkluzjoni ta’ tali relazzjoni ma kienitx gusta u koretta. Din il-konvinzjoni pero’ kellha tkun wahda motivata minn gudizzju ben informat, anke fejn mehtieg mil-lat tekniku.” (“Anthony Cauchi -vs- Carmel sive Charles Mercieca.”*** *Appell 6 t’Ottubru 1999;* ***“John Saliba –vs-Joseph Farrugia”,*** *Appell, 19 ta’ Novembru 2001);”*

Din il-Qorti ma sabet ebda raguni impellanti li tikkonvinci lil din il-Qorti titbieghed mir-rizultanzi raggunti mill-Periti Perizjuri.

Din il-Qorti taghraf pero illi ghalkemm il-Periti Perizjuri kkonkludew illi l-firem f’isem Maria Fiteni illi jidhru fil-prokura specjali kienu foloz u ma setghux saru mill-istess Fiteni, din il-Qorti hi tal-fehma illi minkejja s-suspetti u kongenturi li jistghu jfeccu hija ma tistghax tiddentifika, fuq bilanc ta’ probabilita’, l-persuna li fattwalment iffalsifikat tali firma.

Kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Frank Giordmaina Medici et vs William Rizzo et,** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili **fit-28 t’April 2004** per Onor. Mhallef Noel Cuschieri:

> *“Huwa l-attur illi jrid jipprova l-fatti minnu premessi u allegati fic-Citazzjoni. Mill-banda l-ohra pero` l-grad ta’ prova rikjest fil-kamp civili, b’differenza minn kawzi kriminali fejn il-Ligi tesigi illi l-prova tal-htija ghandha tirrizulta minghajr dubju ragjonevoli, fil-kamp civili huwa bizzejjed illi jkun hemm certezza morali f’mohh il-gudikant. Din ic-certezza morali rikjesta f’kawzi civili hija l-effett tal-bilanc tal-probabbiltajiet.”*

Madanakollu l-**Qorti ma tistghax twarrab il-fatt ewlieni** illi din il-Prokura Specjali saret favur il-konvenuta Angela Borg, kienet biss l-istess konvenuta illi seta’ kellha interess illi tiffalsifika dan id-dokument, u ghalkemm jirrizulta li l-konvenuta Borg hija illitterata, l-Qorti ghandha konvinciment morali illi kienet Angela Borg, l-mohh wara tali falsifikazzjoni.

Jifdal imbaghad il-kwistjoni ta' responsabilita` *o meno* tal-konvenut Nutar Dottor Joseph Lia ghall-falsifikazzjoni tal-firma ta' Maria Fiteni fuq l-istess Prokura. **Ghalkemm bl-ebda mod ma jista' jintefa rifless illi l-konvenut Nutar Dottor Lia kien il-persuna illi attwalment iffalsifikat il-firma, jew kien b'xi mod involut jew konoxxenti tal-qerq prattikat,** gie nnotat illi l-istess konvenut iffirma bhala xhud tal-firem fuq l-istess dokument. Dana huwa kjarament evidenti mhux biss mid-dokument innifsu, izda wkoll mix-xhieda ta' l-istess konvenut illi ddikjara illi rrediga l-Prokura Specjali tat-23 ta' Frar 2003, u insista illi kull dokument redatt minnu fuq l-inkarigu ta' Maria Fiteni, gie ffirmat quddiemu (vide fol. 334 et seq. u 359 et seq.)

Illi din il-Qorti hi tal-fehma illi gialadarba l-firma *de quo* giet dikjarata bhala falza mill-Perit Tekniku u l-Peritit Perizjuri, l-konvenut Nutar Dottor Lia kien responsabbli ta' negligenza professjonali, **in kwantu biss** huwa deher bhala xhud ta' firma illi ma setghetx saret quddiemu u/jew kjarament ma kienx accerta ruhu illi din kienet firma genwina.

Gialadarba giet stabbilita l-falsifikazzjoni tal-firma ta' Maria Fiteni fuq il-Prokura Specjali tat-23 ta' Frar 2003, il-Qorti ghandha tezamina l-effett illi tali falsifikazzjoni seta' kellha, u jekk attwalment l-atturi soffrewx id-danni minnhom allegati in vista ta' tali falsifikazzjoni.

Ghalkemm kellha l-fakolta` illi taghmel dan ai termini ta' l-imsemmija Prokura Specjali, mill-provi prodotti ma jirrizultax illi l-konvenuta Angela Borg qatt sarrfet xi cekkijiet tal-pensjoni jew tal-beneficcji socjali f'isem Maria Fiteni permezz ta' tali prokura. Effettivament il-provi prodotti mill-atturi f'dawn il-proceduri jirreferu esklussivament ghat-transazzjonijiet illi saru bejn is-sena 2000 u s-sena 2003 riferibbilment ghall-kontijiet bankarji illi Maria Fiteni kellha ma' HSBC Bank (Malta) p.l.c. It-transazzjonijiet rizultanti f'dan is-sens huma s-segwenti :

1. Zbank tal-kont bankarju tat-tip *Savings* illi Maria Fiteni kellha ma' HSBC Bank (Malta) p.l.c. bin-numru 425030671 (Dok. EM12) – dan sar fil-21 ta' Jannar 2000 fejn giet zbankata s-somma ta' sitt elef erba' mija u tlieta u sebghin Lira Maltija u hamsa u erbghin centezmu (Lm 6,473.45);

2. Transazzjonijiet in konnessjoni ma' l-interessi akkrexxenti fuq il-kont bankarju tat-tip *Fixed* illi Maria Fiteni kellha ma' HSBC Bank (Malta) p.l.c. bin-numru

042-008078-100 illi saru kif gej: -

i. Nhar l-4 ta' Dicembru 2000 issarraf cekk fl-ammont ta' mija u tnejn u disghin Lira Maltija u tlieta u disghin centezmu (Lm 192.93), rapprezentanti l-interessi ghas-sena 2000 (Dok. EM9);

ii. Fit-2 ta' Novembru 2001 issarraf cekk fl-ammont ta' mija u tnejn u disghin Lira Maltija u erbghin centezmu, in konnessjoni ma' l-interessi ghas-sena 2001 (Dok. EM10);

iii. Nhar il-31 ta' Ottubru 2002 issarraf cekk fl-ammont ta' mija u tnejn u tmenin Lira Maltija u tmienja u sebghin centezmu (Lm 182.78), rapprezentanti l-interessi ghas-sena 2002 (Dok. EM11);

3. Transazzjonijiet in konnessjoni ma' l-interessi akkrexxenti fuq il-kont bankarju tat-tip *Fixed* illi Maria Fiteni kellha ma' HSBC Bank (Malta) p.l.c. bin-numru 042-008078-101. Dawn saru: -

i. Nhar is-16 ta' Awissu 2000 fejn issarraf cekk fl-ammont ta' erba' mija u tlieta u ghoxrin Lira Maltija u hamsa u hamsin centezmu (Lm 423.55) in konnessjoni ma' l-interessi ghas-sena 2000 (Dok. EM3);

ii. Nhar it-8 ta' Awissu 2001 fejn issarraf cekk fl-ammont ta' erba' mija u zewg Liri Maltin u sebgha u ghoxrin centezmu (Lm 402.27), rapprezentanti l-interessi ghas-sena 2001 (Dok. EM4);

iii. Nhar it-30 ta' Lulju 2002 issarraf cekk fl-ammont ta' erba' mija u zewg Liri Maltin u sebgha u ghoxrin centezmu (Lm 402.27), rapprezentanti l-interessi ghas-sena 2002 (Dok. EM5);

4. Transazzjonijiet in konnessjoni ma' l-interessi akkrexxenti fuq il-kont bankarju tat-tip *Fixed* illi Maria Fiteni kellha ma' HSBC Bank (Malta) p.l.c. bin-numru 042-008078-102. Dawn saru: -

i. Nhar is-16 ta' Awissu 2000 meta ssarraf cekk fl-ammont ta' elf u sebgha u erbghin Lira Maltija u sitta u disghin centezmu (Lm 1,047.96) rapprezentanti l-interessi ghas-sena 2000 (Dok. EM6);

ii. Fit-8 ta' Awissu 2001 issarraf cekk fl-ammont ta' disa' mija u hamsa u disghin Lira Maltija u tlieta u tletin centezmu (Lm 995.33), in konnessjoni ma' l-interessi ghas-sena 2001 (Dok. EM7);

iii. Nhar it-22 ta' Awissu 2002 issarraf cekk fl-ammont ta' disgha mija u hamsa u disghin Lira Maltija u tlieta u tletin centezmu (Lm 995.33), rapprezentanti l-interessi dovuti ghas-sena 2002 (Dok. EM8)

5. Nhar l-24 ta' Marzu 2003 giet zbankata s-somma ta' tlett elef mitejn u dsatax-il Lira Maltija u tmienja u sebghin centezmu (Lm 3,219.78) mill-kont bankarju tat-tip *Savings* illi Maria Fiteni kellha ma' HSBC Bank (Malta) p.l.c. bin-numru 042-008078-050 (Dok. AGCA1).

Il-Qorti taghmel accenn ghal fatt illi  t-tranzazzjonijiet illi **saru qabel it-23 ta' Frar 2003** [cioe' dawk kollha indikati fil-paragrafi (1) sa (4) precedenti ghal dan], **ma setghux saru permezz tal-Prokura Specjali illi qieghda tigi kontestata mill-atturi**, u ghalhekk minkejja l-provi prodotti mill-atturi, l-Qorti ma tisghax tikkonkludi jekk tali transazzjonijiet kienux verament awtorizzati minn Maria Fiteni jew le, ghaliex dan huwa *extra petita* ghall-premessi u t-talbiet attrici.

Ghalhekk l-Qorti sejra necessarjament tillimita l-kunsiderazzjonijiet taghha **ghall-unika transazzjoni** illi sehhet wara d-data tal-prokura specjali u cioe' wara it-23 ta' Frar 2003, u cioe' dik fin-numru (5) aktar 'il fuq, fejn il-konvenuta Angela Borg zbankat is-somma ta' tlett elef mitejn u dsatax-il Lira Maltija u tmienja u sebghin centezmu (Lm 3,219.78).

Jibda biex jinghad illi x-xhud Audrey Ghigo, rapprezentant ta' l-HSBC Bank (Malta) plc kienet vaga fix-xhieda taghha u ma kienitx f'pozizzjoni illi tidentifika jekk ghal din it-transazzjoni ntuzatx il-Prokura Generali ta' l-20 ta' Jannar 2000 (Dok. AG1) jew il-Prokura Specjali tat-23 ta' Frar 2003 (Dok.A) – vide xhieda a fol. 314 u 315.  B'danakollu il-Qorti ezaminat n-notamenti tal-Bank fuq il-*Closing Request Form* relattiv ghal dan l-izbank (Dok.

AGCA1) u dawn jindikaw illi kien hemm Prokura Generali mahruga minn Maria Fiteni favur il-konvenuta Angela Borg vide Dok AGCA1. Ghalhekk jidher illi l-Bank irrilaxxa dawn il-flus **abbazi tal-Prokura Generali**.

Eppure l-konvenuta Angela Borg tinsisti illi hija ma wzatx il-Prokura Generali (**Dok. AG1**) ghall-izbank, izda Prokura Specjali illi saret ghal din it-transazzjoni biss ftit qabel –vide xhieda fol. 357 - 358 (cioe' il-Prokura Specjali tat-23 ta' Frar 2003).

Jirrizulta mix-xhieda ta' Stephen Aquilina u Peter Gatt, *Branch Managers* fi hdan l-HSBC Bank (Malta) plc, illi meta tigi pprezentata Prokura Generali, din tigi imdahhla fis-sistema kompjuterizzata tal-Bank **sabiex tkun tista' tintuza minn kull fergha minghajr ma ssir referenza ghad-dokument innifsu f'kull cirkostanza**. B'hekk jidher illi dak illi ghalkemm Angela Borg ipprezentat il-Prokura Specjali (Dok. A) sabiex teffettwa din it-transazzjoni in ezami, l-iskrivan, wara verifika fuq is-sistema komputerizzata li uriet Prokura Generali favur taghha **l-istess skrivan indika illi t-transazzjoni kienet qieghda ssehh abbazi tal-Prokura Generali.**

Ciononostante jirrizulta kjarament illi l-konvenuta Angela Borg fil-fatt ipprezentat il-Prokura Specjali (**Dok. A**) lill-Bank, **tant illi l-istess Bank ghandu kopja ta' din il-Prokura (esebita minn Dottor Eric Mamo bhala Dok. EM2).** Jidher ukoll illi bejn it-23 ta' Frar 2003 meta saret din il-Prokura sas-7 ta' April 2003 meta mietet Mary Fiteni, effettivament, ebda transazzjoni ohra ma tirrizulta.

Ghalhekk il-Qorti tghaddi biex tezamina l-effett illi l-Prokura Specjali falsifikata (Dok. A) fuq l-izbank ta' l-ammont ta' tlett elef mitejn u dsatax-il Lira Maltija u tmienja u sebghin centezmu (Lm 3,219.78).

Il-konvenuta Angela Borg xehdet a fol. 312 illi kienet Maria Fiteni illi talbitha taghmel dan l-izbank sabiex tixtrilha sodda specjali. Tghid illi wara illi zbankat din is-somma, hija ghaddiet il-flus lil Maria Fiteni quddiem Teresa Cutajar, u li s-sodda specjali baqghet qatt ma nxtrat peress illi Fiteni mietet hmistax wara.

Dan gie korroborat mix-xhieda ta' Teresa *sive* Tessie Cutajar a fol. 319, illi xehdet illi hija kienet qaghdet ma Maria Fiteni sakemm il-konvenuta marret taghmel it-transazzjoni ta' l-24

ta’ Marzu 2003. Cutajar qalet illi hija ma kienitx taf kemm kienu gew zbankati flus dakinhar, pero` kkonfermat illi l-konvenuta Angela Borg zbankat il-flus ghaliex Fiteni xtaqet tixtri sodda, u illi meta giet lura mill-Bank, l-istess konvenuta ghaddiet il-flus illi gabet maghha lil Fiteni, u dana dejjem fil-prezenza taghha (Cutajar).

Din il-Qorti tqis illi m ’ghandhiex tiddubita mill-kredibilita` ta’ Teresa Cutajar f’dan ir-rigward.

B’hekk isegwi illi **anke jekk** l-prokura illi ntuzat kienet dik tat-23 ta’ Frar 2003 (Dok. A) bil-firma falsifikata, jirrizulta illi din is-somma flus kienet rikjesta minn Fiteni, kienet tqieghdet f’idejn l-istess Fiteni u fid-data tal-mewt ta’ taghha, din is-somma ta’ tlett elef mitejn u dsatax-il Lira Maltija u tmienja u sebghin centezmu (Lm 3,219.78) kienet tinsab fid-dar 4, Manhattan, Triq Bormla, Zabbar.

Ghalhekk, b’applikazzjoni tal-provvedimenti tat-testment tas-7 ta’ Frar 2002 maghmul minn Fiteni, tali flus kontanti illi kienu jinstabu fid-dar ta’ l-istess Fiteni, kellhom ighaddu lill-konvenuta Angela Borg b’titlou ta’ legat.

Ghalhekk, u mifhum illi fuq bilanc ta’ probabilita’ illi t-transazzjoni tal-izbank saret abbazi ta’ Prokura Generali (Dok. AGCA1**)**, il-Qorti tqis illi lanqas ma tista’ tintlaqa’ t-talba ta’ l-atturi sabiex il-konvenuta Angela Borg trodd lura lilhom is-somma ta’ tlett elef mitejn u dsatax-il Lira Maltija u tmienja u sebghin centezmu (Lm 3,219.78).

Ghar-rigward tal-hames talba tal-atturi, u cioe’ li l-konvenuti Angela Borg u Lawrence Borg iffalsifikaw it-testment tas-7 ta’ Frar 2002, u ghalhekk ghandhom ai termini ta’ l-**Artikolu 605** tal-**Kap. 16** tal-**Ligijiet ta’ Malta** jigu dikjarati bhala mhux dejni u mhux kapaci illi jircievu b’testment minghand Maria Fiteni, u dan jghodd ukoll ghal kull testment u dispozizzjoni precedenti ta’ Maria Fiteni, il-Qorti taghraf illi diga` gie stabbilit, li l-firma ta’ Maria Fiteni fit-testment tas-7 ta’ Frar 2002 hija genwina.

Din il-Qorti sejra tghaddi biex tanalizza kemm–il darba l-effetti ta’ l-**Artikolu 605** ghandhomx jigu komminati fil-konfront tal-konvenuta Angela Borg in vista tal-fabbrikazzjoni tal-firma tat-testatrici fil-Prokura Specjali tat-23 ta’ Frar 2003 (Dok. A).

Huwa stabbilit illi Fiteni mietet nhar is-7 ta’ April 2003. Il-Qorti rat l-**Artikolu 605 kif kien** qabel ma dahlu fis-sehh l-emendi fil-**Kodici Civili** permezz ta’ l-**Att XVIII tas-sena 2004**, u cioe’ :

*“Kull min :-*

*(a) volontarjament joqtol jew ikun ittanta joqtol lit-testatur ; jew*
*(b) ikun akkuza lit-testatur quddiem awtorita` kompetenti ta’ delitt illi jgib il-piena ta’ prigunerija, u illi huwa kien jaf illi t-testatur ma kienx hati tieghu ; jew*
*(c) ikun gieghel, jew bil-qerq gieghel lit-testatur sabiex jaghmel testment, jew sabiex jaghmel jew ibiddel dispozizzjoni testamentarja ; jew*
*(d) ma jkunx halla lit-testatur jaghmel testment gdid, jew ihassar it-testment illi kien diga` ghamel, inkella qered, iffalsifika, jew bil-qerq heba t-testment ;*

*jitqies bhala mhux denn u bhala tali ma jkunx kapaci sabiex jircievi b’testment”.*

L-Qorti tqis illi l-ebda wiehed mis-subartikoli fuq citati ma japplika ghall-kaz ta’ falsifikazzjoni ta’ Prokura (jew dokument iehor estraneu ghal testment), u ghalhekk l-effetti ta’ l-**Artikolu 605** tal-**Kap. 16**. tal-**Ligijiet ta’ Malta** ma jistghux isibu applikazzjoni f’dan il-kaz.

Ghalhekk effettivament, ma hemm l-ebda danni x’jigu likwidati favur l-atturi.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti limitatament ghall-fatt illi huma qatt ma ffalsifikaw it-testment ta’ Maria Fiteni datat 7 ta’ Frar 2002 fl-atti tal-konvenut Nutar Dottor Joseph Lia ; tilqa’ t-tieni eccezzjoni billi ma jikkonkorrux l-elementi rikjesti fil-Ligi fl-**Artikolu 605** tal-**Kap. 16** tal-**Ligijiet ta’ Malta** u gialadarba jirrizulta illi t-testment tas-7 ta’ Frar 2002 kien wiehed validu, tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet eccezzjoni fis-sens illi l-atturi bl-agir taghhom stess irratifikaw kwalunkwe nullita` allegata minnhom stess fl-istess testment; Tilqa’ l-ewwel talba attrici billi tiddikjara illi l-Prokura Specjali datata 23 ta’ Frar 2003 u allegatament maghmula minn Maria

Fiteni, hija dokument falsifikat u konsegwentement tiddikjara l-istess Prokura bhala nulla ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-Ligi ; In vista tal-konkluzjonijiet teknici tal-Periti Perizjuri, u in vista tal-fatt illi jidher konsegwentement illi kien hemm negligenza professjonali da parti tal-konvenut Nutar Lia meta ccertifika dokument bhala wiehed li gie ffirmat quddiemu meta dan kjarament ma setax kien il-kaz, Tilqa' t-tieni talba attrici ***in parte*** u tiddikjara illi l-konvenuti n-Nutar Dottor Joseph Lia u Angela Borg, kif spjegat aktar 'l fuq f'din is-sentenza, huma responsabbli ghar-redazzjoni ta' tali dokument falsifikat; In kwantu ghall-konvenut Lawrence Borg ma giex ipprovat illi dan kien b'xi mod involut f'dan ir-rigward u kwindi tillibera lill-istess konvenut mill-osservanza tal-gudizzju fl-istess rigward; Tichad it-tielet talba attrici stante illi jirrizulta illi l-firma ta' Maria Fiteni fuq it-testment tas-7 ta' Frar 2002 hija genwina ; Konsegwentament tichad ir-raba' talba attrici, stante illi gialadarba ma tirrizulta l-ebda falsifikazzjoni fit-testment tas-7 ta' Frar 2002, ma hemm ebda responsabilita` attribwibbli; Konsegwentement tichad il-hames talba attrici peress illi gialadarba ma tirrizulta l-ebda falsifikazzjoni fit-testment tas-7 ta' Frar 2002, ma tikkonkorri ebda cirkostanza rikjesta mil-Ligi sabiex jigu applikati l-effetti ta' l-**Artikolu 605** tal-**Kap. 16** tal-**Ligijiet ta' Malta**; Konsegwentement tichad is-sitt talba attrici stante illi ma jirrizultax illi hemm xi proprjeta` fil-pussess tal-konvenuti Angela Borg u Lawrence Borg illi tappartjeni lill-atturi bhala l-eredi universali ta' Maria Fiteni; Tichad is-seba' talba attrici peress illi ma jirrizultax illi l-atturi soffrew xi danni in vista ta' l-agir tal-konvenuti jew min minnhom; Konsegwentement tichad it-tmien talba' attrici peress illi ma hemm ebda danni li ghandhom jigu likwidati.

Il-Qorti taghraf li jkun ghaqli fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, illi l-ispejjez tal-kawza jigu divizi in kwantu ghall-terz ghall-atturi u in kwantu ghar-rimanenti zewg terzi, dawn ghandhom jigu divizi bejn il-konvenuti Angela Borg u l-konvenut in-Nutar Dr. Joseph Lia.

**Moqrija.**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------